

IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI

ISSN 1831-0907

Ir-Rapport Speċjali Nru 8

2010

IT-TITJIB TAL-PRESTAZZJONI TAT-
TRASPORT FUQ L-ASSI FERROVJARJI
TRANS-EWROPEJ: L-INVESTIMENT TAL-UE
FL-INFRASTRUTTURA FERROVJARJA KIEN
EFFETTIV?



MT



Ir-Rapport Speċjali Nru 8 // 2010

IT-TITJIB
TAL-PRESTAZZJONI
TAT-TRASPORT FUQ
L-ASSI FERROVJARJI
TRANS-EWROPEJ:
L-INVESTIMENT
TAL-UE FL-
INFRASTRUTTURA
FERROVJARJA KIEN
EFFETTIV?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: euraud@eca.europa.eu
Internet: <http://www.eca.europa.eu>

Ir-Rapport Speċjali Nru 8 // 2010

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-9207-825-6
doi:10.2865/2087

© L-Unjoni Ewropea, 2010
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I–III SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–14 INTRODUZZJONI

1–3 SFOND

4–14 INTERVENTI TAL-UE FIR-RIGWARD TAL-FERROVIJA

5–10 MIŻURI LEĠIŻLATTIVI FIL-LIVELL TAL-UE

11–14 IL-KOFINANZJAMENT TAL-UE GĦALL-INFRASTRUTTURA FERROVJARJA

15–18 L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-VERIFIKA

19–61 OSSERVAZZJONIJIET

19–24 DEFINIZZJONI TA' PROĠETTI PRIJORITARJI SKONT ĦTIĠIJIET LI JISTGĦU JINTWEREW F'TERMINI TA' SERVIZZI FERROVJARJI EŻISTENTI U PREVISTI

21 KIEN HEMM NUQQASIJIET FIL-PROĊEDURA TAD-DEFINIZZJONI TA' PROĠETTI PRIJORITARJI FL-2004

22–24 IL-PROĠETTI PRIJORITARJI MA JIRRAPPREŻENTAWX DESKRIZZJONIJIET DEFINITTIVI TAL-ASSI FERROVJARJI TRANS-EWROPEJ EWLENIN

25–38 L-IMMIRAR, L-GĦAŻLA U L-APPROVAZZJONI TAL-APPOĠĠ FINANZJARJU TAL-UE

28–31 IL-KONĊENTRAZZJONI TAL-KOFINANZJAMENT TAT-TEN-T F'POSTIJIET TRANSKONFINALI TJIEBET MILL-2006, IŻDA GĦAD FADAL ĦAFNA X'JINKISEB

32 IL-KOORDINATURI INFLUWENZAW POŻITTIVAMENT IL-KONĊENTRAZZJONI TAL-INVESTIMENT U L-IFFAĊILITAR TAL-IŻVILUPPI FUQ IL-PROĠETTI PRIJORITARJI

33 L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PUNTI TA' KONĠESTJONI TISTA' TITTEJJEB

34–38 KIEN HEMM NUQQASIJIET FIL-PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA U TAL-APPROVAZZJONI FIL-KUMMISSJONI

39–48 IL-KOSTRUZZJONI TAL-INFRASTRUTTURA KOFINANZJATA MILL-UE SKONT L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U D-DISPONIBBILTÀ TAGĦHA GĦALL-UŻU

41–43 L-INFRASTRUTTURA PPJANATA TLESTIET F'KONFORMITÀ MAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET

44 KULTANT IKUN HEMM DEWMIEN QABEL MA L-INFRASTRUTTURA TKUN TISTA' TIBDA TINTUŻA

45–48 ĠEW OSSERVATI ŻIDIET FL-ISPEJJEŻ GĦAS-SEZZJONIJIET KOLLHA, L-AKTAR MINĦABBA RAĠUNIJIET IMPREVEDIBBLI

- 49–61 IL-PRESTAZZJONI TAT-TRASPORT FIS-SEZZJONIJIET LI JIBBENEFIKAW MILL-INVESTIMENT TAL-UE FIL-KUNTEST TAL-PROĠETTI PRIJORITARJI**
- 52 IL-PRESTAZZJONI TAS-SEZZJONIJIET DEDIKATI GĦAS-SERVIZZI TA' VELOĊITÀ GĦOLJA GĦALL-PASSIĠĠIERI HIJA F'KONFORMITÀ MAL-ASPETTATTIVI
- 53–61 FIS-SEZZJONIJIET LI JAQDU T-TRAFFIKU KONVENZJONALI TAL-MERKANZIJA JEW IMĦALLAT, IL-PRESTAZZJONI TAT-TRASPORT GĦADHA MA LAĦQITX L-ASPETTATTIVI

62–66 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

- ANNEX I – SOMMARJU TAL-LEĠIŻLAZZJONI EWROPEA EWLENJA FIR-RIGWARD TAL-INDUSTRIJA FERROVJARJA**
- ANNEX II – SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦALL-INTEROPERABILITÀ**
- ANNEX III – LISTA TA' PROĠETTI PRIJORITARJI TEN-T**
- ANNEX IV – KAMPJUN GĦALL-VERIFIKA TAS-SEZZJONIJIET INFRASTRUTTURALI KOFINANZJATI MILL-UE**
- ANNEX V – KOORDINATURI MAĦTURA MILL-KUMMISSJONI FIR-RIGWARD TAL-PROĠETTI PRIJORITARJI FERROVJARJI F'ĠUNJU 2010**
- ANNEX VI – SEZZJONIJIET KOFINANZJATI MILL-UE EŻAMINATI FIL-VERIFIKA: L-ISTATUS TAL-KOSTRUZZJONI U TAL-UŻU**
- ANNEX VII – ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RESTRIZZJONIJIET TAS-SISTEMA F'POSTIJIET TRANSKONFINALI FUQ L-ASSI FERROVJARJI TRANS-EWROPEJ OSSERVATI WAQT IL-VERIFIKA**

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Ritratt 1 - Lokomotiva żgancata qabel it-trasferiment fl-istazzjon ta' Brennersee



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

GLOSSARJU

Amministratur tal-Infrastruttura (MI): Kull korp jew impriża responsabbli b'mod partikolari biex tistabbilixxi u żżomm l-infrastruttura ferrovjarja. Dan jista' jinkludi wkoll l-amministrazzjoni tal-kontroll tal-infrastruttura u sistemi ta' sikurezza.

DĠ: Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR): Strument finanzjarju maħsub biex jippromwovi l-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni tal-UE. Interventi tal-FEŻR huma prinċipalment implimentati permezz ta' programmi operazzjonali li jkopru numru kbir ta' proġetti.

Impriża Ferrovjarja (IF): Kull impriża pubblika jew privata liċenzjata skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli, li n-negozju prinċipali tagħha hu li tipprovdi servizzi għat-trasport ta' merkanzija u/jew passiġġieri bil-ferrovija.

Interoperabilità: Il-kompatibbiltà teknika tal-infrastruttura, tal-vetturi ferrovjarji, tas-sistemi tas-sinjalar u sistemi oħra tal-ferrovija, kif ukoll tal-proċeduri għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-ferrovija biex jintużaw fin-netwerk Ewropew tal-ferrovija kollu.

Koordinaturi Ewropej: Persuni maħtura mill-Kummissjoni biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni koordinata ta' ċerti proġetti, b'mod partikolari proġetti transkonfinali jew sezzjonijiet ta' proġetti transkonfinali inklużi fost il-proġetti ddikjarati bħala proġetti ta' interess Ewropew.

Korp Regulatorju: Korp indipendenti minn kwalunkwe amministratur tal-infrastruttura, korp li għandu f'idejh l-impożizzjoni tad-drittijiet, korp tal-allokazzjoni jew applikant. Impriża ferrovjarja għandha d-dritt tal-appell quddiem il-korp regulatorju.

Proġetti Essen: 14-il proġett ta' interess komuni fir-rigward tan-netwerk trans-Ewropew definiti fil-Kunsill Ewropew f'Essen fl-1993.

Proġetti Prijoritarji: 30 proġett ta' interess komuni magħmula minn sezzjonijiet tan-netwerk TEN-T inklużi fil-linji gwida TEN-T.

Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS): Inizjattiva speċifika fil-livell Ewropew li tfittex li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema Ewropea tal-ferroviji li tiffunzjona b'mod omoġenju billi tissostitwixxi s-sistemi nazzjonali differenti ta' kontroll tal-ferroviji fl-Ewropa. Hija magħmula minn żewġ komponenti tekniċi, is-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji (ETCS) u s-Sistema Globali għall-Komunikazzjonijiet Mobbli – Ferrovija (GSM-R).

Strument għall-Politika Strutturali ta' qabel l-Adeżjoni (ISPA): Wieħed mill-istrumenti biex jgħinu lill-pajjiżi kandidati tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant fil-preparazzjoni għall-adeżjoni fil-perjodu 2000-2006. L-għanijiet tiegħu kienu li jgħin lill-pajjiżi kandidati japplikaw l-istandards ambjentali tal-UE u biex jaġġornaw u jespandu n-netwerks tat-trasport, inklużi kollegamenti man-netwerk trans-Ewropew. Dawn il-proġetti ġew konvertiti fi proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni mal-adeżjoni.

TGV / HSL / AVE: Trains à Grande Vitesse / High Speed Line / Alta Velocidad Española.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.

Il-politika tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-ferroviji tinvolvi, min-naħa waħda, miżuri leġiżlattivi li jindirizzaw il-ftuħ tas-suq ferrovjarju Ewropew u wkoll l-interoperabilità u kwistjonijiet ta' sikurezza u, min-naħa l-oħra, il-kofinanzjament tal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja taħt it-TEN-T u l-Politika ta' Koeżjoni. Il-verifika tal-Qorti ffukat fuq il-kofinanzjament tal-UE tal-infrastruttura ferrovjarja u eżaminat l-effettività tagħha fit-titjib tal-prestazzjoni tal-assi trans-Ewropej.

II.

Il-Qorti kkonkludiet li, permezz tal-kofinanzjament tal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, l-UE kkontribwiet biex tipprovdi possibbiltajiet ġodda għat-trasport ferrovjarju trans-Ewropew. Madankollu, jistgħu jittieħdu xi azzjonijiet sabiex jinkiseb aktar valur għall-flus tal-UE:

- id-definizzjoni tal-Proġetti Prijoritarji, il-mekkaniżmu ewlieni għall-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-UE ma kinitx, sal-lum, ibbażata fuq analiżi tal-flussi tat-traffiku attwali u antiċipati, u l-assi li għalihom dawn jikkorrispondu ma jirrappreżentawx deskrizzjonijiet definitivi tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin;

- il-konċentrazzjoni tal-kofinanzjament tat-TEN-T f'postijiet transkonfinali tgiebet, u l-Koordinaturi maħtura mill-Kummissjoni biex jiffaċilitaw sezzjonijiet transkonfinali u sezzjonijiet oħra taw kontribut pożittiv. Madankollu, għad fadal ħafna xi jsir f'dawn il-postijiet u hemm bżonn li ttejjeb l-analiżi dwar il-punti ta' konġestjoni. Kien hemm nuqqasijiet fil-proċeduri tal-approvazzjoni ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni, u għad hemm lok għal titjib fil-proċeduri tal-għażla tal-proġett TEN-T;

- proġetti infrastrutturali kofinanzjati wasslu infrastruttura ppjanata skont l-ispeċifikazzjonijiet u li, ladarba tlestew, ħolqu possibbiltajiet ġodda u mtejbja fuq sezzjonijiet ewlenin tal-Proġetti Prijoritarji. Saru emendi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minħabba ċirkostanzi li tfaċċaw waqt il-konstruzzjoni u spiss kien hemm żidiet qawwija fl-ispejjeż; u

- sar titjib li jista' jitkejjel fuq linji ddedikati għas-servizzi ta' veloċità għolja tal-passiġġieri, iżda s-servizzi ferrovjarji għadhom mhumieq operattivi b'mod sħiħ fil-livelli previsti fuq il-linji konvenzjonali mħallta u l-linji tal-merkanzija li l-użu tagħhom huwa influwenzat minn firxa ta' fatturi, li jinkludu limitazzjonijiet tas-sistema tan-netwerk ferrovjarju speċjalment f'postijiet fuq il-fruntiera.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

III.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:

- fil-konsiderazzjonijiet futuri tad-definizzjoni tal-Proġetti Prijoritarji, taħdem mal-istituzzjonijiet ferrovjarji u tal-Istati Membri biex tidentifika dawk il-kurituri trans-Ewropej li għalihom hemm domanda sinifikanti attwali jew antiċipata, u biex issaħħaħ il-bażijiet tal-għarfien u l-analiżi fil-livell Ewropew fejn ikun meħtieġ;
- tibni fuq l-irwoli attwati sal-lum mill-koordinaturi u tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar l-immirar tal-fondi TEN-T jkunu appoġġjati minn analiżi robusta ta' punti ta' konġestjoni importanti;
- tiżgura li l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' proġetti taħt il-Politika ta' Koeżjoni jkunu robusti, u li ttejjeb ukoll il-kwalità tal-analiżijiet tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż tal-proċeduri tal-għażla tat-TEN-T;
- tibni fuq l-esperjenza tal-passat, tiegħu f'idejha r-riedni fl-iffaċilitar tal-iskambju tal-għarfien u tal-esperjenza dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja fost il-promuturi tal-proġetti; u
- tikkunsidra li tagħmel aktar enfasi biex jittaffew ir-restrizzjonijiet prattiċi għat-trasport ferrovjarju transkonfinali, li mhumiex fihom infushom relatati mal-infrastruttura, u tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-kollaborazzjoni fost l-istituzzjonijiet ferrovjarji tal-Istati Membri għal dan il-għan.


INTRODUZZJONI

SFOND

1. Fis-snin riċenti, il-volumi tat-trasport fl-Unjoni Ewropea żdiedu b'mod sinifikanti, u ż-żieda fil-volumi tat-trasport tal-merkanzija sebqet iż-żieda fil-PGN bejn l-1995 u l-2007 (ara l-**Istampa 1**).
2. Din is-sitwazzjoni hija mistennija li tkompli sal-2020, u previżjonijiet riċenti jissuġġerixxu li t-tkabbir fit-trasport tal-merkanzija se jiġġarrab l-aktar mit-trasport bit-triq u fuq il-baħar (ara l-**Istampa 2**), waqt li l-karozzi privati se jirrappreżentaw il-parti l-kbira ħafna tat-tkabbir fit-trasport tal-passiġġieri (ara l-**Istampa 3**). Il-ferroviji Ewropej huma responsabbli għal parti żgħira biss mit-tkabbir mistenni; fil-fatt, is-sehem relattiv tagħhom fis-suq tat-trasport inġenerali mistenni jonqos.

STAMPA 1

IŻ-ŻIEDA FIT-TRASPORT FL-UE-27 (1995-2007)




Sors: L-Enerġija u t-Trasport tal-UE f'Figuri: Manwal tal-2009, Il-Kummissjoni Ewropea (*DĠ Enerġija u Trasport*).

3. Il-Kummissjoni identifikat tliet ostakli importanti għall-iżvilupp ta' industrija Ewropea tat-trasport ferrovjarju b'saħħitha u kompetittiva:

- l-infrastruttura ferrovjarja mhijiex attrezzata sew għas-servizzi trans-Ewropej u b'mod partikolari hemm kollegamenti neqsin bejn in-netwerks ferrovjarji nazzjonali (speċjalment f'postijiet transkonfinali), hemm punti ta' konġestjoni fuq assi importanti, u l-biċċa l-kbira tal-infrastruttura ferrovjarja li tintuża bħalissa fl-Ewropa għandha għexieren ta' snin (f'xi każijiet anki seklu) u teħtieġ bdil jew titjib;
- in-netwerk ferrovjarju Ewropew jikkonsisti f'tiżwiqa ta' netwerks ferrovjarji nazzjonali li storikament żviluppaw biex jissodisfaw ħtiġijiet nazzjonali, u kull wieħed minnhom żviluppa karatteristiċi tekniċi u operazzjonali u proċeduri amministrattivi nazzjonali li huma simili iżda mhux identiċi; il-problemi tal-interoperabilità jeħtieġ li jiġu indirizzati; u
- storikament, is-servizzi ferrovjarji fl-Ewropa kienu jkopru s-swieq nazzjonali biss; jeħtieġ li jiżviluppa suq kompetittiv għas-servizzi trans-Ewropej.

STAMPA 2

PREVIŻJONI TAT-TKABBIR FIT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA FL-UE-25 (1998-2020)




Sors: Inżommu l-Ewropa Miexja, ASSESS, id-DĠ Trasport u Enerġija, l-Anness II, p. 35-36.

INTERVENTI TAL-UE FIR-RIGWARD TAL-FERROVIJA

4. L-interventi tal-UE fir-rigward tal-ferroviji Ewropej jinvolve żewġ strumenti ta' politika, min-naħa waħda, miżuri leġiżlattivi mmirati lejn il-ftuħ tas-suq ferrovjarju Ewropew u l-promozzjoni tal-interoperabilità (kif ukoll is-sikurezza ferrovjarja u d-drittijiet tal-passiġġieri), u min-naħa l-oħra, il-kofinanzjament ta' infrastrutturi ferrovjarji ġodda u mtejbja (ara l-**Istampa 4**). Il-progress ġenerali jiddependi mill-isfruttar massimu tas-sinerġiji bejn dawn l-istrumenti; pereżempju, infrastrutturi ferrovjarji transkonfinali mibnija dan l-aħħar ma jistgħux jiġu sfruttati b'mod sħiħ jekk is-suq tas-servizz trans-Ewropew għalihom ma jkunx għadu żviluppa.


STAMPA 3

PREVIŻJONI TAT-TKABBIR FIT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI FL-UE-25 (1998-2020)



Sors: Inżommu l-Ewropa Miexja, ASSESS, id-DĠ Trasport u Enerġija, l-Anness II, p. 35-36.

L-GĦANIJET TAL-POLITIKA U L-ISTRUMENTI TAL-UE FIR-RIGWARD TAL-LINJI TAL-FERROVIJA



MIŻURI LEĠIŻLATTIVI FIL-LIVELL TAL-UE

IS-SUQ, L-INTEROPERABILITÀ U S-SIKUREZZA

5. Il-leġiżlazzjoni tal-UE fl-1991¹ stipulat li kumpaniji ferrovjarji integrati għandhom jiġu sseparati f'amministraturi nazzjonali tal-infrastruttura ferrovjarja ("MI") u impriżi tal-ferroviji ("IF"). Hija stipulat ukoll li għandhom jitwaqqfu korpi regolatorji nazzjonali għall-industrija tal-ferrovija biex jissorveljaw is-suq ferrovjarju fil-livell nazzjonali.
6. Mill-2001 'l hawn, id-direttivi tal-UE nġabru flimkien f'hekk imsejja "pakketti" ferrovjarji li jindirizzaw aspetti tal-ftuħ tas-swieq, l-interoperebilità u s-sikurezza (ara l-**Istampa 4** għal sommarju ta' strumenti leġiżlattivi u l-**Anness I** għal referenzi dettaljati dwarhom) li għandhom jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u implimentati mill-Istati Membri.
7. Ġew formalizzati standards tekniċi komuni fil-livell tal-UE permezz ta' Speċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Interoperabilità ("TSIs"), li jinkludu, fost l-oħrajn, standards fir-rigward tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ("ERTMS") (ara l-**Kaxxa 1**). Il-kompitu tal-iżvilupp ta' TSIs ġie ddelegat mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ara l-**Anness II** għal sommarju ta' TSIs ippubblikati).

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25).

KAXXA 1

IS-SISTEMA EWROPEA TAL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU FERROVJARJU ("ERTMS")

L-għan tal-ERTMS hu li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema Ewropea tal-ferroviji li tiffunzjona b'mod omoġenju billi tissostitwixxi s-sistemi nazzjonali differenti ta' kontroll tal-ferroviji fl-Ewropa. Hija tiffaċilita wkoll it-trasport ferrovjarju ta' veloċità għolja, tippermetti żieda fil-kapaċità fuq il-linji ferrovjarji u ttejjeb is-sikurezza. Diversi Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-UE, inkluż dwar il-pjan ta' użu tal-ERTMS², jipprevedu li linji mibnija qodda jkunu mgħammra bl-ERTMS u li ċerti kurituri jkunu hekk mgħammra sa dati speċifiċi. 500 miljun euro minn baġit totali għat-TEN-T ta' 8 biljun euro għall-perjodu 2007-2013 ġie rriservat biex jappoġġja l-adozzjoni tal-ERTMS mill-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastrutturi.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2006/679/KE dwar l-implimentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall- interoperabilità fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60).

IN-NETWERK TEN-T U L-PROĠETTI PRIJORITARJI

8. It-Trattat jipprevedi li l-UE tippromwovi l-interkonnessjoni u l-interoperabilità tan-netwerks nazzjonali³. In-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) jistabbilixxi l-assi ewlenin tat-trasport li minnhom għadda l-appoġġ finanzjarju Ewropew għall-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija.
9. Ta' importanza partikolari huma l-Proġetti Prijoritarji, identifikati l-ewwel darba wara l-Kunsill Ewropew ta' Essen fl-1993, li ġew definiti biex tittieħed azzjoni biex jiġu kkonċentrati aktar investimenti mill-UE fl-assi aktar importanti. Mill-2004, il-lista żdiedet għal 30 Proġett Prijoritarju (19 minnhom jirrigwardaw it-trasport ferrovjarju) li ġew imnaqqxa fil-linji gwida TEN-T⁴. Din il-lista saret abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' Grupp ta' Livell Għoli ppresedut mill-ex Kummissarju Karel Van Miert (ara l-**Istampa 5** għal sommarju tal-kisbiet ewlenin fl-iżvilupp tan-netwerk TEN-T u l-Proġetti Prijoritarji u l-**Anness III** għal lista tal-Proġetti Prijoritarji). Il-**Kaxxa 2** turi sorsi ta' finanzjament għall-Proġetti Prijoritarji.
10. Fl-2009, il-Kummissjoni tat bidu għal reviżjoni wiesgħa tal-politika tat-TEN-T li kkunsidrat sfidi futuri politiċi u ekonomiċi bħalma huma l-ilħuq tal-oġettivi tal-bidla fil-klima, aktar tkabbir ekonomiku, aktar koeżjoni ekonomika u soċjali kif ukoll it-tisħiħ tal-irwol internazzjonali tal-Ewropa⁵. Il-Kummissjoni pproponiet għażliet għall-iżvilupp futur tat-TEN-T, bil-ħsieb li titthajja proposta leġiżlattiva importanti, inkluża reviżjoni tal-linji gwida tat-TEN-T.

³ It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (1992), l-Artikolu 154. Jeżistu networks Trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat network Trans-Ewropew tat-Trasport (ĠU L167, 30.4.2004, p. 1).

⁵ Green Paper TEN-T: Eżami tal-politika - Lejn network trans-Ewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport, COM(2009) 44 finali, 4.2.2009.

KAXXA 2

SORSI TA' FINANZJAMENT GĦALL-PROĠETTI PRIJORITARJI

Skont estimi riċenti, sal-2007 126,35 biljun euro kienu diġà ġew investiti fuq il-Proġetti Prijoritarji, 154 biljun euro kienu mistennija li jiġu investiti bejn l-2007 u l-2013, u kien baqa' 119-il biljun euro x'jiġu investiti wara. Il-baġits nazzjonali tal-Istati Membri stess jirrappreżentaw 66% tat-total investit fil-Proġetti Prijoritarji bejn l-1996 u l-2013 (ara t-**Tabella 1**).

OBJETTIVI STABILITI GĦALL-IŻVILUPP TAN-NETWERK TAT-TEN-T U L-PROĠETTI PRIJORITARI

1994 Grupp ta' rappreżentanti tal-Kapijiet ta' Stat jew gvern ippropona lista ta' 14-il "proġett ta' interess Ewropew" (10 jirreferu għall-infrastruttura ferrovjarja). L-hekk imsejħa "Proġetti ta' Essen" ġew inklużi fl-ewwel linji gwida formali tat-TEN-T.

2001 Il-Kummissjoni ħarġet White Paper dwar il-Politika tat-Trasport Ewropew għall-2010, u b'mod partikolari nnutat il-ħtieġa biex il-ferroviji jiġu rivalizzati.

2004 Fuq il-bażi tal-proposti mill-Istati Membri u l-pajjiżi li se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea, Grupp ta' Livell Għoli rrakkomanda proġetti tan-netwerk tat-TEN-T ta' interess komuni sal-2020. Eventwalment, 30 hekk imsejħa Proġetti Prijoritarji (19 jirreferu għall-infrastruttura ferrovjarja) intlaħaq ftehim formali dwarhom mill-Kunsill.

2005 L-istrateġija riveduta ta' Lisbona enfasizzat l-importanza tal-infrastruttura tat-trasport għall-iżvilupp strateġiku tal-Ewropa, u enfasizzat li hemm il-ħtieġa li l-flussi kummerċjali globali u intra-Ewropej dejjem jiżdiedu jiġu akkomodati, li t-tħassib ambjentali jiġi indirizzat u li l-iżvilupp soċjali u ekonomiku jiġi appoġġjat.

2006 Daħlu fis-seħħ il-linji gwida aġġornati tat-TEN-T, u b'hekk ġiet introdotta l-possibbiltà ta' rata ta' konfinanzjament ta' 30 % għal postijiet transkonfinali u nħoloq provvediment għall-ħatra tal-koordinaturi.

2009 Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni formali mal-partijiet interessati dwar il-bażi għal netwerk tat-TEN-T integrat aħjar u n-natura futura possibbli tal-Proġetti Prijoritarji. Il-kwistjonijiet enfasizzati għad-dibattitu kienu jinkludu d-definizzjoni tan-netwerks ewlenin u l-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport intelliġenti.

2010 Il-Kummissjoni għandha tippubblika White Paper dwar in-netwerk tat-TEN-T.

IL-KOFINANZJAMENT TAL-UE GĦALL-INFRASTRUTTURA FERROVJARJA

11. Is-sorsi tal-finanzjament għat-30 Proġett Prijoritarju (ħlief għal Galileo) li jinkludu t-trasport ferrovjarju, jidhru f'sommarju fit-**Tabella 1**⁶.
12. Is-sezzjonijiet tal-infrastruttura ferrovjarja kofinanzjati mill-UE taħt it-TEN-T u l-Politika ta' Koeżjoni huma bbażati fuq proposti nazzjonali u implimentati minn awtoritajiet nazzjonali. Hemm proċeduri ta' għoti u ta' għażla differenti għal dawn it-tnejn fil-Kummissjoni.

⁶ L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.2.2007, p. 1), l-Artikolu 17. Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-attivitajiet imwettqa fir-rigward tat-TEN-T. Waqt li b'mod ġenerali tat deskrizzjoni tajba tas-sitwazzjoni attwali, il-verifika sabet li r-rapport tal-Kummissjoni ta' Mejju 2008 kien fih ineżattezzi fiċ-ċifri ppreżentati tal-investimenti li kienu saru qabel.

TABELLA 1

IS-SORSI TAL-FINANZJAMENT GĦAT-30 PROĠETT PRIJORITARJU (ĦLIEF GĦAL GALILEO), 1996-2013

(biljuni ta' euro)		1996-1999 UE-15	2000-2006 UE-27	2007-2013 UE-27	Totali	%
Għotjiet tal-UE	TEN-T	1,35	2,80	5,40	9,55	3 %
	Fond ta' Koeżjoni	3,83	7,00	12,30	23,13	8 %
	FEŻR	1,46	4,81	4,70	10,97	4 %
BEI		9,78	16,10	25,00	50,88	18 %
Sorsi oħra (nazzjonali)		16,23	63,00	106,60	185,83	66 %
Investiment totali fi Proġetti Prijoritarji TEN-T		32,65	93,70	154,00	280,35	100 %

Il-Qorti nnotat differenza fl-investiment totali għall-perjodu 2007-2013 bejn il-154 biljun euro u dak ta' 151 biljun euro rrapurtat fit-TEN-T Priority Project Progress report.

Sors: "TEN-T Funding in Figures" websajt tad-DĠ Trasport u Enerġija:
http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/funding/doc/funding_figs.pdf

13. Skont il-politika tat-TEN-T, l-UE tikkofinanzja studji u xogħlijiet (ara t-**Tabella 2** għar-rati massimi ta' kofinanzjament). Proġetti kofinanzjati fir-rigward ta' xogħlijiet tipikament jindirizzaw il-konstruzzjoni ta' ċerti partijiet jew elementi tekniċi ta' sezzjoni tal-Proġetti Prijoritarji. Il-Proġetti jintgħażlu fuq bażi kompetittiva wara l-evalwazzjoni tal-proposti ppreżentati mill-Istati Membri. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-proposti jilħqu l-qofol tagħhom bil-klassifikazzjoni tal-proġetti, u l-kofinanzjament tal-UE jiġi allokati lill-proġetti evalwati bħala l-aqwa. Id-DĠ Mobilità u Trasport huwa responsabbli għall-politika tat-TEN-T. L-organizzazzjoni tal-proċedura tal-evalwazzjoni hija waħda mill-kompiti ddelegati riċentement lill-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T.

14. Taħt il-Politika ta' Koeżjoni, il-kofinanzjament tal-UE huwa disponibbli għall-Istati Membri li jikkwalifikaw taħt il-Fond ta' Koeżjoni⁷ u l-FEŻR (ara t-**Tabella 2** għar-rati massimi ta' kofinanzjament). Id-DĠ Politika Reġjonali huwa responsabbli għall-Politika ta' Koeżjoni. Il-kofinanzjament għal proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni⁸ u għall-proġetti maġġuri taħt il-FEŻR⁹ hu soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni skont regoli speċifiċi li japplikaw għal kull Fond. Il-proċeduri tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni jinvolvu l-iċċekkjar tal-konsistenza tal-proġetti proposti mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali u jsir eżami tal-fattibbiltà globali u l-grad ta' preparazzjoni tagħhom. Ir-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni jistipulaw li l-fondi għat-trasport għandhom jiġu allokati għan-network tat-TEN-T, b'mod partikolari għall-Proġetti ta' Prijorità¹⁰.

⁷ Sal-2004, il-finanzjament kien disponibbli wkoll għal pajjiżi fil-proċess tal-adeżjoni taħt l-ISPA. Il-proġetti ġew ikkonvertiti fi proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni mal-adeżjoni.

⁸ Mill-2007, proġetti taħt il-EUR 50 miljun ippreżentati għal kofinanzjament skont il-Fond ta' Koeżjoni ma jkollhomx approvazzjoni mill-Kummissjoni.

⁹ Il-kunċett ta' proġetti maġġuri huwa ddefinit l-aktar abbażi tal-volum ta' finanzi involuti fil-proġetti. Id-definizzjoni tkopri proġetti 'li t-total tan-nefqa tagħhom, ikkalkulat sabiex tiġi determinata l-kontribuzzjoni tal-Fondi, jaqbeż il-EUR 50 miljun' (L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1). Għal aktar informazzjoni dwar is-suġġett, ara r-Rapport Speċjali Nru 1/2008 dwar il-proċeduri għall-eżami preliminari u evalwazzjoni ta' proġetti kbar ta' investiment għall-perjodi ta' programmar tal-1994-1999 u tal-2000-2006.

¹⁰ L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1), l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1264/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 57), u l-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79) jistipulaw li l-infiq fuq it-trasport taħt il-Fond ta' Koeżjoni għandu jiġi allokati fuq proġetti tat-TEN-T u b'mod partikolari, fuq proġetti ta' interess komuni kif definiti fil-linji gwida tat-TEN-T fl-2004.

TABELLA 2

RATI MASSIMI TA' KOFINANZJAMENT TAĦT IT-TEN-T U L-POLITIKA TA' KOEŻJONI (2000-2013)¹

		2000-2006	2007-2013
TEN-T	Studji	50 %	50 %
	ERTMS fuq il-linji / abbord	10 %	50 %
	Sezzjonijiet transkonfinali fil-Proġetti Prijoritarji	10 % (20 % mill-2004)	30 %
	Sezzjonijiet oħra fil-Proġetti Prijoritarji	10 % (20 % għall-punti ta' konġestjoni)	20 %
Politika ta' Koeżjoni	Fond tal-Koeżjoni	85 %	85 %
	FEŻR	75 %	75 % (80 % għall-Istati Membri li jikkwalifikaw għall-Fond tal-Koeżjoni)
	ISPA (sal-2004)	75 %	—

¹ Ir-rati tal-kofinanzjament japplikaw biss għal dawk l-ispejjeż tal-proġetti meqjusa bħala eliġibbli skont ir-regoli tal-appoġġ tal-UE.

L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

15. Il-verifika ffukat fuq il-kofinanzjament tal-UE għall-infrastruttura ferrovjarja u eżaminat l-effettività tagħha fit-titjib tal-prestazzjoni tal-assi trans-Ewropej. Fit-twettiq tal-verifika, il-Qorti ffukat fuq l-erba' oqsma ewlenin ta' riskju, jiġifieri:

- o jekk il-Proġetti Prijoritarji kinux effettivi bħala mekkaniżmu biex jikkonċentraw fondi tal-UE fuq l-assi trans-Ewropej ewlenin, b'mod partikolari, sa fejn dawn ġew definiti skont il-ħtiġijiet konkreti f'termini ta' servizzi ferrovjarji eżistenti u previsti;
- o jekk l-appoġġ finanzjarju taħt it-TEN-T u l-politika ta' Koeżjoni kienx immirat b'mod effettiv fuq oqsma prijoritarji, u dan huwa sostnut minn proċeduri robusti ta' għażla u ta' approvazzjoni;
- o jekk is-sezzjonijiet tal-infrastruttura kofinanzjati mill-UE ġewx mibnija skont l-ispeċifikazzjonijiet u sussegwentement jekk tlestewx għall-isfruttar bla dewmien bla bżonn, u
- o jekk is-sezzjonijiet tal-infrastruttura kofinanzjati mill-UE ġewx sfruttati kif kien previst, inkluż fil-kuntest tal-assi trans-Ewropej li fuqhom jinsabu.

Ritratt 2 – Ferrovija tal-merkanzija fi Munich lesta biex titlaq lejn Verona u tgħaddi mill-istazzjon ta' Brennersee



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

- 16.** Biex twettaq il-verifika, il-Qorti analizzat kampjun ta' 21 sezzjoni speċifika kofinanzjati mill-UE matul il-perjodu 2000-2006 (14 prinċipalment iffinanzjati taħt l-istrument finanzjarju tat-TEN-T u sebgħa prinċipalment taħt il-Politika ta' Koeżjoni). Dawn is-sezzjonijiet kienu marbuta ma' tmienja mill-Proġetti Prijoritarji definiti fil-linji gwida tat-TEN-T. B'kolloxx, il-kampjun ikopri total ta' 8 683 miljun euro ta' investimenti tal-UE u jirrappreżenta 77% tal-investimenti kollha f'kofinanzjament mill-UE fit-tmien Proġetti Prijoritarji kampjun, u 36% tal-investimenti mis-sorsi kollha (ara l-**Annex IV** għal aktar dettalji dwar il-kampjun u l-**Kaxxa 3** għad-definizzjoni tat-termini użati fir-rapport).
- 17.** Ix-xogħol ta' verifika fuq il-post twettaq bejn Ottubru 2008 u Mejju 2009¹¹, u evidenza tal-verifika nġabret permezz ta' intervisti ma' uffiċjali tal-Istati Membri, promoturi tal-proġetti u partijiet interessati fl-industrija ferrovjarja, reviżjoni ta' dokumenti fil-pussess tal-Kummissjoni, kwestjonarji tekniċi mwiegħba mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u żjarat fuq il-post fl-Istati Membri. Dejta dwar il-prestazzjoni tat-trasport ġiet ipprovduta minn amministraturi tal-infrastruttura nazzjonali.
- 18.** Il-verifika ma evalwatx il-mekkaniżmi ta' superviżjoni finanzjarja jew teknika fis-seħħ fl-Istati Membri.

¹¹ It-tim tal-verifika kien megħjun fit-tweġġ tax-xogħol fuq il-post minn esperti indipendenti fl-industrija ferrovjarja.

KAXXA 3

DEFINIZZJONI TA' TERMINI UŻATI FIR-RAPPORT

Assi ferrovjarju huwa linja ferrovjarja (jew grupp ta' linji ferrovjarji) li tkopri distanza twila u tipprovdri konnessjonijiet bejn diversi postijiet kummerċjali u/jew industrijali importanti fir-rotta tagħha. **Assi ferrovjarji trans-Ewropej** jaqsmu minn Stat Membru għal ieħor jew għal oħrajn.

Proġett Prijoritarju jirreferi għal raggruppament ta' **sezzjonijiet** li kull waħda minnhom hija marbuta ma' konnessjonijiet bejn postijiet kummerċjali u/jew industrijali speċifiċi li ġew formalment identifikati bħala proġetti ta' interess komuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE fl-2004 (Id-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE - ara l-**Istampa 5**). Għalkemm xi kultant imsejja assi, dawn ir-raggruppamenti ta' sezzjonijiet ta' Proġett Prijoritarju mhumiex konnessi flimkien fil-każi kollha.

Proġett kofinanzjat huwa marbut ma' tagħmir jew infrastruttura sitwata fuq sezzjoni ferrovjarja li tiffirma parti minn Proġett Prijoritarju u li għaliha ġiet approvata għotja tal-UE.

Pereżempju, Proġett Prijoritarju 1 jikkonċerna l-assi ferrovjarju Berlin-Verona / Milano-Bologna-Napoli-Messina-Palermo. Għal dan il-Proġett Prijoritarju, il-Qorti eżaminat proġetti kofinanzjati mill-UE marbuta ma' sezzjonijiet fl-Istazzjon Ċentrali ta' Berlin, Nürnberg-Ingolstadt, Kufstein-Innsbruck, il-Mina Brennero, Bologna-Firenze, Roma-Napoli u Messina Patti.

OSSERVAZZJONIJIET

DEFINIZZJONI TA' PROĠETTI PRIJORITARJI SKONT ĦTIĠIJIET LI JISTGĦU JINTWEREW F'TERMINI TA' SERVIZZI FERROVJARJI EŻISTENTI U PREVISTI

19. Minħabba l-importanza tal-Proġetti Prijoritarji bħala mekkaniżmu għall-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji Komunitarji, huwa importanti li d-definizzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq analiżi ta' ħtiġijiet li jistgħu jintwerew f'termini ta' servizzi ferrovjarji eżistenti u previsti.
20. Il-Qorti evalwat jekk il-proċedura li biha ġiet iddefinita l-lista ta' Proġetti Prijoritarji fl-2004 kinetx robusta.

KIEN HEMM NUQQASIJIET FIL-PROĊEDURA TAD- DEFINIZZJONI TA' PROĠETTI PRIJORITARJI FL-2004

21. Ġew ippreżentati mitt proposta għal proġetti u sezzjonijiet speċifiċi minn Stati Membri attwali u futuri lil Grupp ta' Livell Għoli mwaqqaf fl-2003¹². Dawn l-ewwel ġew evalwati bi kriterji ta' preselezzjoni u mbagħad b'sett ta' kriterji evalwattivi definiti mill-Grupp. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp issawru f'erba' listi ta' Proġetti Prijoritarji, inklużi 14-il proġett li jinsabu fil-proċess li jitlestew (essenzjalment il-Proġetti ta' Essen), 18-il proġett li għandhom jinbdew qabel l-2010, erba' proġetti għal terminu ta' żmien itwal u 15-il proġett importanti oħra għall-koeżjoni territorjali. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet iffurmaw il-bażi tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew meta ddefinixxa lista ta' 30 Proġett Prijoritarju (19 minnhom kienu ta' natura ferrovjarja) fil-linji gwida tat-TEN-T fl-2004. L-analiżi tal-Qorti wriet nuqqasijiet importanti fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' preselezzjoni u ta' evalwazzjoni definiti mill-Grupp:
 - o minħabba n-nuqqas ta' fehim ċar ta' dak li kien jifforma assi Ewropew kbir, l-evalwaturi qalu li kellhom diffikultà biex jevalwaw b'mod konsistenti l-merti tal-post tas-sezzjonijiet proposti;

¹² Magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru, osservatur minn kull pajjiż li se jissieħeb fl-Unjoni Ewropea u minn osservatur mill-Bank Ewropew tal-Investiment, ippresedut mill-ex Kummissarju Karel van Miert.

- o il-varjazzjonijiet fil-kwantità tal-analiżi ppreżentata bħala appoġġ għall-vijabilità ekonomika u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tas-sezzjoni proposta u n-nuqqas ta' konsistenza ta' din l-analiżi kienu jfissru li l-evalwaturi kellhom problemi biex iqabblu l-merti tal-proġetti proposti; u
- o il-proposti tal-proġetti kienu jipprovdu informazzjoni insuffiċjenti u inkonsistenti dwar il-valur miżjud Ewropew mistenni tal-proġetti, speċjalment fir-rigward tal-punt sa-fejn se jasal it-traffiku trans-Ewropew mistenni.

¹³ Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-netwerk tat-Trasport trans-Ewropew, it-23 ta' Ġunju 2003, Rapport, p. 49.

IL-PROĠETTI PRIJORITARJI MA JIRRAPPREŻENTAWX DESKRIZZJONIJIET DEFINITTIVI TAL-ASSI FERROVJARJI TRANS-EWROPEJ EWLENIN

22. Filwaqt li jista' jkun hemm xebh sinifikanti bejn il-Proġetti Prijoritarji u l-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin kif stabbi-liti mill-industrija, il-Proġetti Prijoritarji fihom infushom ma jistgħux jitqiesu bħala deskrizzjonijiet definittivi ta' dawn l-assi. L-osservazzjonijiet li ġejjin jikkonfermaw din l-opinjoni:

- o l-ewwel nett, il-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli ma bdietx minn analiżi tal-flussi tat-traffiku attwali u mistennija tal-assi ewlenin, u l-Grupp innota dan in-nuqqas fir-rapport tiegħu; **"Il-Grupp ma kellux il-ħin li jidentifika dawn l-assi ewlenin ... [u] ...Il-Proġetti Prijoritarji jagħmlu possibbli li wieħed jieħu l-ewwel idea tal-immappjar possibbli ta' dawn l-assi"**¹³;

KAXXA 4

EŻEMPJI TA' KURITURI TAL-ERTMS LI MA JIKKOINĊIDUX MAL-PROĠETTI PRIJORITARJI

Il-kuritur B tal-ERTMS li jaqsam il-Ġermanja mit-Tramuntana għan-Nofsinhar ma jikkoinċidix ma' Proġett Prijoritarju bejn Hannover u Munich;

Il-kuritur D tal-ERTMS bejn Barċellona u Valencia jikkoinċidi parzjalment biss ma' Proġett Prijoritarju;

Il-kuritur F tal-ERTMS li jaqsam il-Ġermanja u l-Polonja mil-Lvant għall-Punent ma jikkoinċidi mal-ebda Proġett Prijoritarju. L-awtoritajiet Pollakki għamlu aktar enfasi fuq dan l-assi tal-Lvant-Punent u sal-lum investew 528 miljun euro fih meta mqabbel ma' 449 miljun euro li ġew investiti fil-Proġett Prijoritarju 23 mit-Tramuntana għan-Nofsinhar.

- it-tieni nett, f'eżerċizzju sussegwenti biex jiġu identifikati l-kurituri ferrovjarji trans-Ewropej li fuqhom għandha tingħata prijorità lejn l-iskjerament tal-ERTMS (sponserjati minn Karel Vinck, il-Koordinatur maħtur mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 26)), kien hemm kunsens mifruż mill-industrija ferrovjarja u sar ftehim dwar sitt kurituri ta' dan it-tip fl-2008¹⁴. Għe osservat li dawn is-sitt kurituri li sar ftehim dwarhom mill-industrija mhux kollha jikkoinċidu għalkollox mar-rotot tal-Proġetti Prijoritarji (ara l-**Kaxxa 4**);
- it-tielet, il-konnessjonijiet ma' ċerti portijiet tal-baħar importanti mhumiex inklużi fil-Proġetti Prijoritarji, inklużi Marsilja, Rostock, Bremerhaven u Le Havre; portijiet importanti oħra, bħal Gioia Tauro, jinsabu qrib sezzjoni ta' Proġett Prijoritarju iżda l-konnessjonijiet tagħha mhumiex inklużi fil-Proġetti Prijoritarji; u,
- fl-aħħar nett, il-Proġetti Prijoritarji mhux dejjem jikkoinċidu mal-assi trans-Ewropej definiti mill-assoċjazzjonijiet industrijali.

23. L-implikazzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet hija li t-titjib fid-definizzjoni tal-Proġetti Prijoritarji jista' jkompli jsaħħaħ il-kordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-UE.

24. Fir-rapport tiegħu tal-2003, il-Grupp ta' Livell Għoli talab lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-analiżi tal-flussi tat-traffiku trans-Ewropew sabiex reviżjonijiet futuri tal-lista ta' Proġetti Prijoritarji jkunu jistgħu jiġu bbażati fuqha¹⁵. Fl-2009, il-Kummissjoni varat dibattitu dwar il-futur tal-politika tat-trasport trans-Ewropew u rrikonoxxiet il-ħtieġa li l-kunċetti li huma l-bażi tan-netwerk ferrovjarju trans-Ewropew jiġu rfinati u ssuġġeriet li huwa meħtieġ ħsieb aktar ċar fir-rigward tad-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' investiment¹⁶. Il-Kummissjoni ssuġġeriet ukoll li l-iżvilupp ta' trasport ferrovjarju trans-Ewropew tal-merkanzija jista' jibbenefika mid-definizzjoni ta' kurituri ddedikati fuq il-bażi ta' argumenti ekonomiċi¹⁷.

¹⁴ Memorandum ta' Fehim Bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjonijiet Ferrovjarji Ewropej (CER – UIC – UNIFE – EIM – il-Grupp Industrijali GSM-R – ERFA) dwar it-tisħiħ tal-koperazzjoni biex jitħaffef l-iskjerament tal-ERTMS, Lulju 2008.

¹⁵ Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-netwerk tat-trasport trans-Ewropew – Rapport, is-Sezzjoni 6.4.3., il-paragrafu 11, is-27 ta' Ġunju 2003, Brussell.

¹⁶ COM(2009) 279 finali, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment, Brussell 17.6.2009.

¹⁷ COM(2008) 852 finali, Proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva, Brussell, 11.12.2008.

L-IMMIRAR, L-GĦAŻLA U L-APPROVAZZJONI TAL-APPOĠĠ FINANZJARJU TAL-UE

25. L-immirar tal-investiment tal-UE huwa importanti għax:
- o il-ħtiġijiet finanzjarji tal-Proġetti Prijoritarji huma sinifikanti u l-finanzjament mis-sorsi kollha huwa skars; u
 - o il-Proġetti Prijoritarji għandhom dimensjoni trans-Ewropea li tista' tmur lil hinn mill-interessi nazzjonali.
26. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tidentifika t-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni u l-mili ta' kollegamenti nieqsa (b'mod partikolari s-sezzjonijiet transkonfinali) bħala prijoritajiet ewlenin għan-netwerk trans-Ewropew¹⁸. F'Rapport Speċjali ppubblikat fl-2005, il-Qorti osservat li l-**"għajjuna finanzjarja TEN-T hija allokata b'mod wisq frammentat u mhux iffukata biżżejjed fuq proġetti bejn fruntieri (jew sezzjonijiet ta' proġetti). Għaldaqshekk, TEN-T ma tistax tilħaq il-valur miżjud Ewropew tagħha kompletament"**¹⁹. Minn mindu saru dawk l-osservazzjonijiet, sar bdil importanti:
- o aġġornament tar-Regolament dwar it-TEN-T li, fost l-oħrajn, introduċa l-possibbiltà li l-għotjiet tat-TEN-T għal sezzjonijiet transkonfinali jkunu sa massimu ta' 30% tal-ispejjeż eliġibbli; u
 - o f'Lulju 2005, il-Kummissjoni ħatret sitt Koordinaturi²⁰ **"sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni kkordinata ta' ċerti proġetti, b'mod partikolari proġetti li jaqsmu l-fruntieri jew is-sezzjonijiet tal-proġetti"**²¹ (ara l-**Anness V**).
27. Għar-rapport attwali, il-Qorti kkunsidrat dawn l-iżviluppi, b'mod partikolari, hija rrevediet:
- o il-konċentrazzjoni tal-kofinanzjament tat-TEN-T fuq sezzjonijiet transkonfinali u l-progress f'dan ir-rigward sal-lum tal-Proġetti Prijoritarji fil-kampjun;
 - o l-irwol attwat mill-koordinaturi maħtura mill-Kummissjoni;

¹⁸ Ara d-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE u r-Regolament (KE) Nru 680/2007. Barra minn hekk, fit-tweġiba tagħha għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nirrifurmaw il-Baġit, Nibdlu l-Ewropa", il-Qorti enfasizzat li n-nefqa b'effetti transkonfinali jew b'interess komuni hija *prima facie* kandidat aktar b'saħħtu biex l-UE tiegħu azzjoni fir-rigward tiegħu milli n-nefqa b'effetti ġeografiċi limitati.

¹⁹ Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2005 dwar in-netwerk trans-Ewropew għat-trasport (TEN-T) flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni.

²⁰ Il-Kummissjoni sussegwentement aġġornat din il-lista fl-2007, fl-2009 u fl-2010.

²¹ Artikolu 17a tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

- o il-kwalità tal-analiżi disponibbli biex jiġu identifikati l-punti ta' konġestjoni fl-assi trans-Ewropej; u
- o kemm il-proċeduri ta' approvazzjoni taħt il-Fond ta' Koeżjoni (u l-proġetti ewlenin tal-FEŻR) huma robusti biżżejjed biex jidentifikaw nuqqasijiet fid-definizzjoni u fit-tħejjija ta' proġetti, u kemm il-bdil li sar lill-proċeduri tal-għażla taħt it-TEN-T indirizza nuqqasijiet osservati mill-Qorti fir-Rapport Speċjali preċedenti tagħha.

IL-KONĊENTRAZZJONI TAL-KOFINANZJAMENT TAT-TEN-T F'POSTIJET TRANSKONFINALI TJIEBET MILL-2006, IŻDA GĦAD FADAL ĦAFNA X'JINKISEB

- 28.** Il-punt sa fejn l-investimenti tal-fondi tat-TEN-T ġew ikkonċentrati f'postijiet transkonfinali żdied b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 meta mqabbel mal-perjodu 2000-2006. Investimenti f'postijiet transkonfinali kienu jirrappreżentaw 37 % tal-investment tat-TEN-T matul il-perjodu 2000-2006, filwaqt li dawn l-allokkazzjonijiet għall-perjodu 2007-2013 huma mistennija li jammontaw għal 71 %. Filwaqt li m'hemm l-ebda evidenza diretta biex tiġi ppruvata konklużivament l-influwenza tagħhom fuq dan it-titjib, iż-żieda fir-rati ta' kofinanzjament tat-TEN-T minn 10 % għal 30 % għas-sezzjonijiet transkonfinali u l-attivitajiet tal-Koordinaturi fit-thegħiġ tal-Istati Membri biex jipproponu sezzjonijiet transkonfinali kienu fatturi matul dan il-perjodu.
- 29.** F'konsistenza mas-sejba preċedenti tal-Qorti, skont il-formoli tal-proposti mressqa mill-Istati Membri, 14 mis-sezzjonijiet li ġew eżaminati f'din il-verifika kofinanzjata mit-TEN-T u li ġew approvati qabel l-2006 xorta waħda kienu se jkomplu għaddejjin, għalkemm b'modifiki u/jew b'riskju addizzjonali. Għall-kuntrarju, il-proposta għal proġett importanti approvata fil-perjodu 2007-2013 (il-Mina Brennero) tgħid li dan ma kienx jitkompla mingħajr il-kofinanzjament tal-UE.
- 30.** Għall-Istati Membri eliġibbli, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR huma wkoll disponibbli għal żviluppi tal-infrastruttura ferrovjarja (7 mill-21 sezzjoni eżaminati fil-verifika ngħataw fondi minn dawn is-sorsi); pereżempju fi Spanja, l-ammont kollu li ttieġed mill-Fond ta' Koeżjoni u li ntefaq fuq l-infrastruttura ferrovjarja fil-perjodu 2000-2006 kien ikkonċentrat fuq il-Proġetti Prijoritarji. Madankollu, m'hemmx rekwiżit normali biex l-investment tal-Fond ta' Koeżjoni jingħata prijorità f'postijiet transkonfinali.

31. Biex isir progress fl-iżviluppi tal-infrastruttura f'postijiet transkonfinali jitfaċċaw sfidi politiċi kif ukoll oħrajn tekniċi. Spiss ikunu jeħtieġu negozjati twal bejn l-Istati Membri ġirien ibbażati fuq konferenzi intergovernattivi qabel ma jiġu ffirmati ftehimiet bilaterali, li s-soltu jinvolvu trattati formali. Reviżjoni ġenerali tal-istat tal-iżvilupp fi 13-il post transkonfinali tal-Proġetti Prijoritarji kampjun uriet li għad fadal ħafna x'jinkiseb u hija meħtieġa ħidma kontinwa sinifikanti qabel ma jitlestew żviluppi f'dawn is-sezzjonijiet (ara t-**Tabella 3**).

TABELLA 3

ŻVILUPPI FL-INFRASTRUTTURA F'POSTIJET TRANSKONFINALI FIL-PROĠETTI PRIJORITARJI KAMPJUN

		Post	Diġà jeżisti	Għadu qed jinbena	Studju / thejjiġa	L-ippjanar tiegħu għadu ma bediex
Proġett Prijoritarju 1	Il-Ġermanja-L-Awstrija	Munich-Kufstein			✓	
	L-Awstrija- L-Italja	Il-Mina Brennero			✓	
Proġett Prijoritarju 2	Il-Ġermanja- Il-Belġju	Aachen-Düren-Köln		✓		
	L-Olanda- Il-Belġju	Rotterdam- Antwerpen-	✓			
Proġett Prijoritarju 3	Franza-Spanja (Atlantiku)	Dax-Vittoria				✓
	Franza-Spanja (Mediterran)	Perpignan-Figueras	✓			
Proġett Prijoritarju 6	Franza- L-Italja	Lyon-Turin			✓	
Proġett Prijoritarju 17	Franza- Il-Ġermanja	Il-pont Kehl		✓		
	Il-Ġermanja- L-Awstrija	Mühldorf-Freilassing				✓
	L-Awstrija- Is-Slovakkja	Vjenna-Bratislava			✓	
Proġett Prijoritarju 23	Il-Polonja-Is-Slovakkja	Bielsko Biala - Zwardon			✓	
Proġett Prijoritarju 24	L-Olanda- Il-Ġermanja	Zevenaar-Emerich		✓		
	Il-Ġermanja-Franza	Mulhouse			✓	

IL-KOORDINATURI INFLUWENZAW POŻITTIVAMENT IL-KONĊENTRAZZJONI TAL-INVESTIMENT U L-IFFAĊILITAR TAL-IŻVILUPPI FUQ IL-PROĠETTI PRIJORITARJI

32. Il-Koordinaturi kellhom influwenza pożittiva fl-immirar tal-investimenti tal-UE, b'mod partikolari permezz ta':

- o l-iffaċilitar ta' kuntatti bejn il-partijiet interessati biex l-iżviluppi jgħaddu għal sezzjonijiet problematiċi tal-Proġetti Prijoritarji, speċjalment fejn ġie ppruvat li huwa neċessarju li jsir ftehim dwar viżjoni kondiviża ċara tas-suq tat-trasport ferrovjarju fil-mira u l-ispeċifikazzjonijiet tal-iżviluppi meħtieġa fl-infrastruttura²² (pereżempju, il-ftehim bejn l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli dwar il-parti Mediterranja tal-Proġett Prijoritarju 3²³, u l-Pjattaforma tal-Kuritur Brennero (ara l-**Kaxxa 5**));
- o l-enfasi lill-Istati Membri dwar l-importanza li jipproponu sezzjonijiet partikolari għall-kofinanzjament tal-UE (pereżempju, rigward il-Kuritur Brennero fil-Proġett Prijoritarju 1 u punti ta' konġestjoni u sezzjonijiet transkonfinali fi Stuttgart u dawk bejn Munich u Freilassing fil-Proġett Prijoritarju 17) filwaqt li jenfasizzaw li sezzjonijiet oħra mhumiex se jintlaqgħu tajjeb, bħal dawk li jinkludu l-infrastruttura tal-istazzjon u li ma jirrigwardawx direttament l-operazzjoni tal-ferroviji; u
- o it-tkegħgiġ tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet ferrovjarji fl-Istati Membri dwar it-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport u t-tnaqqis ta' problemi operazzjonali u problemi oħra fil-kuritur eżistenti (bħall-Kontroll Intern tal-Kwalità (IQC) (ara l-**Kaxxa 14**), il-grupp ta' ħidma tekniku mwaqqaf għall-Proġett Prijoritarju 6 u l-kuritur tal-ERTMS).

²² Id-Dokument ta' pożizzjoni tal-Koordinaturi Ewropej tat-Trasport: Is-Sur Karel Van Miert, is-Sur Etienne Davignon, is-Sur Carlo Secchi, is-Sur Laurens Jan Brinkhorst, is-Sur Péter Balázs, is-Sinjura Karla Peijs, is-Sur Luis Valente De Oliveira, is-Sur Pavel Telička, is-Sur Karel Vinck dwar il-Futur tal-Politika tat-Ten-T, Brussell, is-6 ta' Ottubru 2009.

²³ Ir-Rapport annwali tal-Koordinatur Ewropew, Etienne Davignon, PP Nru 3, "South-West European High-Speed Rail Link" (Kollegament Ferrovjarju Ewropew ta' Veloċità Għolja Nofsinar-Punent), Brussell, Awwissu 2009.

IL-PJATTAFORMA TAL-KURITUR BRENNERO

Bl-iffaċilitar tal-interazzjonijiet bejn il-partijiet interessati Taljani, Awstrijaċi u Ġermaniżi, Karel Van Miert, il-Koordinatur ta' dak iż-żmien, ikkontribwixxa għall-ħolqien tal-Pjattaforma tal-Kuritur Brennero li, bil-kollaborazzjoni ta' qabel bħala bażi, kienet il-forum ewlieni biex jintlaħaq ftehim dwar l-oġettivi u l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tal-iżviluppi proposti tal-infrastruttura (inkluża l-Mina Brennero).

L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PUNTI TA' KONĠESTJONI TISTA' TITTEJJEB

- 33.** Analiżi preċiża u li tista' torbot fuqha hija prerekwiżit importanti għall-identifikazzjoni tas-sezzjonijiet tal-punti ta' konġestjoni tal-Proġetti Prijoritarji, u għaldaqstant għandha tiġi kkunsidrata prinċipalment biex l-investiment tal-UE jingħata prijorità. Madankollu, analiżi empirika robusta tal-punti ta' konġestjoni fl-assi trans-Ewropej ewlenin mhijiex disponibbli u l-Kummissjoni toqgħod primarjament fuq l-analiżi tal-Istati Membri stess, ikkomplementata f'dawn l-aħħar snin minn informazzjoni miġbura mill-Koordinaturi biex jiġu identifikati dawn il-punti ta' konġestjoni.

KIEN HEMM NUQQASIJET FIL-PROĊEDURI TAL- GĦAŻLA U TAL-APPROVAZZJONI FIL-KUMMISSJONI

PROĠETTI LI MA TĦEJJEWX BIR-REQQA ĠEW APPROVATI TAĦT IL-FOND TA' KOEŻJONI

- 34.** Il-Qorti rrevediet kemm il-proċeduri tal-approvazzjoni għall-proġetti tal-infrastruttura ferrovjarja mressqa għall-kofinanzjament taħt il-Fond ta' Koeżjoni u bħala proġetti ewlenin taħt il-FEŻR huma robusti biżżejjed biex jidentifikaw nuqqasijiet fid-definizzjoni u fit-tnejjja tal-proġetti.

- 35.** Għall-proġetti tal-infrastruttura ferrovjarja kofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni, il-Qorti osservat li l-evalwazzjoni mwettqa fir-rigward tal-aspetti tekniċi tal-proġetti proposti ma kinetx biżżejjed. Fil-każijiet eżaminati, l-unika reviżjoni tal-proġetti mressqa taħt il-Fond ta' Koeżjoni kienet l-hekk imsejħa konsultazzjoni interna tal-interservizz tal-Kummissjoni, li permezz tagħha dokumenti ta' proġetti proposti ġew iċċirkolati mid-DĠ Politika Reġjonali lil servizzi oħrajn tal-Kummissjoni biex tingħata opinjoni. Madankollu, reviżjoni tal-fajls tal-Kummissjoni wriet li m'hemm l-ebda evidenza ta' reviżjoni teknika bir-reqqa bħala appoġġ għal din l-opinjoni. Billi ma ġie kkonsultat l-ebda espert estern dwar l-infrastruttura ferrovjarja matul il-proċess, jekk wieħed jibbaża ruħu biss fuq din il-konsultazzjoni interna, dan ma jkunx mekkaniżmu suffiċjenti għal reviżjoni teknika. Barra minn hekk, ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni biex jiġi żgurat li l-proġetti approvati tħejjew b'mod adegwat. Fil-każ tal-proġett Madrid-Levante, id-DĠ tal-Politika Reġjonali talab il-parir tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) dwar il-proposti tal-proġetti. Madankollu, minkejja li l-BEI qajjem tħassib speċifiku dwar kemm il-proġett ġie speċifikat b'mod adegwat, dan ġie approvat għall-finanzjament tal-Koeżjoni. Il-proġett wara kellu żidiet qawwija fl-ispiża ta' 89 % meta mqabbla mal-ammont speċifikat fid-dokumenti tal-proposta tal-proġetti (ara l-**Kaxxa 8**). Il-Qorti tinnota li l-proċedura għall-approvazzjoni ta' proġetti maġġuri nbidlet mill-2007 'l hawn.

IL-PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA TAL-PROĠETTI TAĦT IT-TEN-T ĠEW AĠĠORNATI IŻDA GĦAD HEMM LOK GĦAL AKTAR TITJIB

- 36.** Il-Qorti rrevediet il-bdil għall-proċeduri tal-għażla għall-proposti tal-proġetti tal-infrastruttura ferrovjarja ppreżentati għall-kofinanzjament taħt it-TEN-T, b'mod partikolari, sa fejn ġew indirizzati n-nuqqasijiet osservati mill-Qorti fir-Rapport Speċjali preċedenti tagħha.

37. Sar bdil fil-proċeduri tal-għażla għall-proġetti tat-TEN-T skont ir-rakkomandazzjonijiet²⁴ preċedenti tal-Qorti, b'mod partikolari:

- o l-aġġornament tal-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-proposti, b'mod partikolari biex jiġi inkluż l-użu ta' esperti esterni;
- o il-kontribut li sar mill-Koordinaturi biex jipprovdu informazzjoni kuntestwali dwar is-sitwazzjoni fattwali tal-Proġetti Prijoritarji; u
- o id-delega ta' firxa ta' kompiti lill-Aġenzija Eżekuttiva tat-TEN-T²⁵ li twaqqfet riċentement.

38. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, għad hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu tal-analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż. Huwa importanti li l-analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż, flimkien ma' analiżi ambjentali u soċjoekonomika, tippermetti li l-merti tal-proġetti proposti jitqabblu matul il-proċedura tal-għażla. Reviżjoni tad-dokumenti dwar l-għażla tal-proġetti wriet li għet ippreżentata biss informazzjoni fil-qosor dwar l-analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż ta' proġett propost u li, fil-prattika, l-informazzjoni f'dawn is-sommarji mhijiex konsistenti f'termini tal-varjabbli koperti, il-livell ta' dettall jew dwar is-suppożizzjonijiet li fuqhom għet ibbażata l-analiżi. Suppożizzjonijiet magħmula rigward flussi tat-traffiku futuri ppjanati huma elementi essenzjali għal dawn l-analiżijiet. Filwaqt li ttieħdu xi inizjattivi biex jiġi żgurat li s-suppożizzjonijiet dwar flussi tat-traffiku jkunu konsistenti (pereżempju, fir-rigward tal-mini tal-Alpi), dawn kienu eżerċizzji iżolati. Mudell koerenti ta' flussi tat-traffiku ferrovjarju Ewropew, li jista' jkun il-bażi ta' politika ġenerali kif ukoll għażla ta' proġetti speċifiċi, għad irid jiġi żviluppat.

²⁴ Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2005, il-paragrafi 35, 43, u 52 sa 58.

²⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk tat-Trasport Trans-Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88).

IL-KOSTRUZZJONI TAL-INFRASTRUTTURA KOFINANZJATA MILL-UE SKONT L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U D-DISPONIBBILTÀ TAGĦHA GĦALL-UŻU

- 39.** Għal kull waħda mis-sezzjonijiet kofinanzjati li ttieħdu bħala kampjun għall-verifika, il-Qorti eżaminat l-eżekuzzjoni tal-proġett rigward jekk l-infrastruttura tas-sezzjoni nbniex skont l-ispeċifikazzjonijiet u mbagħad jekk l-infrastruttura setgħetx tintuża mingħajr dewmien bla bżonn. Is-sitwazzjoni fir-rigward taż-żidiet qawwija fl-ispiża tal-proġetti ġiet eżaminata wkoll.
- 40.** L-**Anness VI** juri l-istatus tal-użu tal-21 sezzjoni kofinanzjati mill-UE u eżaminati għall-verifika.

L-INFRASTRUTTURA PPJANATA TLESTIET F'KONFORMITÀ MAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET

- 41.** L-14-il sezzjoni kkompletati fil-kampjun wasslu l-infrastruttura teknika definita fl-ispeċifikazzjonijiet. Saru emendi ġustifikabbli lill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minħabba ċirkustanzi li tfaċċaw matul il-konstruzzjoni. F'każ minnhom, ċerti kundizzjonijiet tekniċi ma ġewx antiċipati għalkollox fl-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn (ara l-**Kaxxa 6**).

KAXXA 6

KUNDIZZJONIJIET TEKNIĊI MHUX ANTIĊIPATI GĦALKOLLOX FL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAD-DISINN

Filwaqt li l-linja **Nürnberg-Ingolstadt** inbniet skont l-ispeċifikazzjoni biex tappoġġja l-użu mħallat, matul l-ittestjar tas-sikurezza kien sar ċar li, minħabba kwistjonijiet ta' pressjoni tal-arja, il-ferroviji ma setgħux jgħaddu kontra xulxin fis-sezzjonijiet tal-mini. Il-linja issa tintuża biss minn ferroviji ta' veloċità għolja tal-passiġġieri.

42. Il-ħames sezzjonijiet li kienu qed jinbnew meta saret il-verifika kienu qed jinbnew ukoll kif speċifikat. Għaż-żewġ sezzjonijiet tal-mini tal-Alpi għal terminu ta' żmien twil (Mont-Cenis, Brennero (ara r-**Ritratt 5**)), in-natura u l-punt sa fejn jaslu aġġustamenti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li qed isiru matul l-istadji tal-ippjanar u tal-esplorazzjoni huma f'konformità ma' dak li wieħed jista' jiss-tenna minħabba l-kumplessità partikolari ta' dawn is-sezzjonijiet. Dawn l-aġġustamenti qed isiru, pereżempju, biex jitqiesu kwistjonijiet ambjentali jew żviluppi oħrajn.
43. Il-Qorti nnutat l-esperjenza ta' proġett appoġġat mill-Kummissjoni biex jiġi ffaċilitat netwerk għat-tixrid tal-għarfien dwar il-ġestjoni u l-organizzazzjoni ta' proġetti infrastrutturali kbar fl-Ewropa²⁶. Huwa pprova riżultati utli f'termini tal-iżvilupp ta' kuntatti bejn il-manigġers tal-proġetti u l-iskambju tal-għarfien Prattiku, u joffri esperjenza li wieħed jista' jibni fuqha f'inizjattivi futuri.

²⁶ Il-proġett Netlipse appoġġat taħt is-Sitt Programm ta' Qafas Ewropew għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (www.netlipse.eu).

KAXXA 7

IS-SEZZJONI INTERNAZZJONALI TA' PERPIGNAN-FIGUERAS

Is-sezzjoni internazzjonali ta' Perpignan – Figueras (li hija twila 44 km inkluża l-mina Perthus ta' 8 km) se tippermetti li l-ferroviji b'gauge tal-UIC (l-Għaqda Internazzjonali tal-Ferroviji) attrezzați b'mod adegwat jivvjaġġaw bejn Franza u Spanja bla ma jieqfu u tipp-rovdi fluss imtejjeb ta' traffiku tal-merkanzija u tal-passiġġieri. Hija kienet waħda mill-uniċi sħubiji bejn is-setturi pubbliċi u privati fil-kampjun tal-verifika u l-kuntrattur lesta l-konstruzzjoni tal-infrastruttura fi tmiem l-2009. Bħala riżultat ta' thejjiha bir-reqqa u dettaljata, il-proġett tlesta bejn wieħed u ieħor fil-ħin u fil-limiti tal-baġit. Madankollu, filwaqt li l-linja hija konnessa man-netwerk ferrovjarju ta' Perpignan, għalissa għad m'hemm l-ebda linja ta' konnessjoni fuq in-naħa Spanjola f'Figueras. Ix-xogħlijiet bejn Barċellona u Figueras biex din il-konnessjoni ssir bil-gauge tal-UIC għadhom għaddejjin iżda mhux se jitlestew qabel l-2012. Għaldaqstant, m'hemm l-ebda prospett li s-sezzjoni internazzjonali l-ġdida se tkun tista' tintuża għalkollox għal mill-inqas sentejn wara li ttlesta. Jista' jkun li sa tmiem l-2010 se jkun hemm soluzzjoni interrim li tinvolvi l-installazzjoni tat-tielet linja tal-ferrovija bejn Ġirona u Figueras biex il-ferroviji b'gauge tal-UIC u b'gauge Iberika jkunu jistgħu jużaw il-linja, iżda l-aktar l-aktar, din is-soluzzjoni se tippermetti użu parzjali biss tal-linja l-ġdida.

Ritratt 3 – Linji ġodda fis-sezzjoni internazzjonali ta' Perpignan-Figueras li għadhom ma ntużawx



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Marzu 2009.

KULTANT IKUN HEMM DEWMIEN QABEL MA L-INFRASTRUTTURA TKUN TISTA' TIBDA TINTUŻA

44. Meta saret il-verifika, is-sezzjonijiet kollha minbarra tnejn mill-14-il sezzjoni li tlestew setgħu jintużaw. Madankollu, għal sezzjoni transkonfinali importanti (is-sezzjoni internazzjonali ta' Perpignan-Figueras bejn Franza u Spanja (ara l-**Kaxxa 7** u r-**Ritratt 3**)), dewmien fil-konnessjoni ma' sezzjonijiet ġirien fisser li, għalkemm l-infrastruttura kienet tlestiet, hija ma setgħetx tintuża.

ĠEW OSSERVATI ŻIDIET FL-ISPEJJEŻ GĦAS-SEZZJONIJIET KOLLHA, L-AKTAR MINĦABBA RAĠUNIJIET IMPREVEDIBBLI

45. Ġew osservati żidiet fl-ispejjeż tal-proġetti fil-każijiet kollha (ara l-**Kaxxa 8**). Kważi fil-każijiet kollha, dawn iż-żidiet ġraw minħabba raġunijiet marbutin ma' fatturi imprevedibbli li tfaċċaw matul il-fażi ta' kostruzzjoni, bħal kundizzjonijiet ġeografiċi diffiċli li ma kinux mistennija, rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali, rekwiżiti ta' sikurezza u offerti oġġla minn daww mistennija mill-kuntratturi²⁷.

²⁷ Ir-riċerka akkademika tirrapporta li proġetti kbar ħafna huma impriżi tassew kumplessi u, storikament, żidiet fl-ispejjeż li jaqbżu b'mod sinifikanti l-baġits inizjali huma komuni ħafna u tassew spejjeż li jaqbżu l-ammont inizjali minn 50% sa 100% f'termini reali huma komuni u ammonti li jaqbżu l-100% huma komuni wkoll. Flyberg B, Bruzelius N u Rothengatter W, "Megaprojects and risk: An anatomy of ambition", Cambridge University Press, 2003, paġna 44. Ara wkoll Hugo Priemus, Bent Flyvbjerg, Bert Van Wee: *Decision-making on Mega-projects: Cost-benefit Analysis, Planning and Innovation*, Edward Elgar Publishing Ltd, 2008, ISBN 1845427378.

KAXXA 8

IŻ-ŻIEDA FL-ISPEJJEŻ OSSERVATA FIS-SEZZJONI TIĠI EŻAMINATA FIL-VERIFIKA

L-informazzjoni dwar l-ispejjeż kienet disponibbli għal 19 mill-21 sezzjoni li saritilhom verifika. 11-il sezzjoni esperjenzaw żidiet fl-ispejjeż li telgħu sa 49 %, sitt sezzjonijiet esperjenzaw żidiet fl-ispejjeż ta' bejn 50 % u 100 % u żewġ sezzjonijiet esperjenzaw żidiet fl-ispejjeż ta' aktar minn 100 %. Kollox ma' kollox, il-punt sa fejn waslu dawn iż-żidiet kien f'konformità ma' dak osservat fi studji oħra ta' proġetti infrastrutturali tat-trasport fuq skala kbira. Mis-sezzjonijiet eżaminati, is-sezzjoni [Varsavja-Gdynia](#) (li ngħatat fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni) kellha l-aktar żieda sinifikanti fl-ispejjeż, żieda ta' 166 % minn estimu ta' 475 miljun euro fil-proposta tal-proġett fl-2004 għal 1 265 miljun euro skont l-aktar estimi riċenti f'Novembru 2009.

- 46.** Il-proġetti li kienu soġġetti għal tnejnija bir-reqqa u dettaljata kellhom inqas tendenza li jesperjenzaw żidiet; pereżempju, is-sezzjoni ta' Perpignan-Figueras li tlestiet bejn wieħed u ieħor fil-ħin u fil-limiti tal-baġit (ara l-**Kaxxa 7**). Għall-kuntrarju, il-proġetti li t-tnejnija tagħhom kienet inqas dettaljata u bir-reqqa jaffrontaw riskju ogħla li jesperjenzaw żidiet aktar sinifikanti; pereżempju, is-sezzjoni ta' Madrid-Levante, li l-BEI esprima tħassib dwarha, sal-lum rat żieda fl-ispejjeż ta' 89 % (ara l-paragrafu 35).
- 47.** Dawn iż-żidiet fl-ispejjeż ma kellhomx impatt dirett fuq il-baġit tal-UE għax l-investment mill-UE kien limitat għall-ammonti li ngħataw fil-bidu. Madankollu, għandhom jitqiesu fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-investment fuq skala kbira tal-Proġetti Prijoritarji, u tal-fatt li għe rikonoxxut li l-attrazzjoni tal-investment tas-settur privat kulma jmur qed issir dejjem aktar importanti. Ir-riskju ta' żidiet fl-ispejjeż ta' proġetti jista' jaggrava t-tħassib dwar rati baxxi ta' qligħ u għaldaqstant dan jista' jirrappreżenta nuqqas ta' inċentiv għal investituri tas-settur privat.
- 48.** Sabiex titqies in-natura kkumplikata tal-proġetti u r-riskju li jiġu esperjenzati żidiet fl-ispejjeż, xi proġetti (pereżempju l-Mina Brennero) jippjanaw kontinġenzi biex itaffu l-impatt li dawn iż-żidiet jistgħu jkollhom fuq il-baġits iġenerali.

IL-PRESTAZZJONI TAT-TRASPORT FIS-SEZZJONIJIET LI JIBBENEFIKAW MILL-INVESTIMENT TAL-UE FIL-KUNTEST TAL-PROĠETTI PRIJORITARJI

- 49.** Is-servizzi ta' veloċità għolja tal-passiġġieri ġeneralment huma perċeputi bħala li jaqdu s-suq bejn żoni urbani importanti u li kapaċi jikkompetu mat-trasport bit-triq u mat-trasport bl-ajru maħsub għal distanzi qosra; il-fatt li joffru vjaġġi minn punt għal ieħor li tista' torbot fuqhom, huma komdi u fuq kollox veloċi huwa għaldaqstant ta' importanza fundamentali. Għat-trasport tal-merkanzija, ir-raġunar huwa differenti; aktar ma l-vjaġġ ikun twil, aktar hemm potenzjal biex il-ferrovija tkun kompetittiva meta mqabbla ma' mezzi oħra ta' trasport, speċjalment dak bit-triq. L-ivvjaġġar madwar aktar minn netwerk nazzjonali wieħed huwa neċessarju għal rotot trans-Ewropej ta' distanza itwal.

50. Ladarba titlesta u tibda taħdem, il-punt safejn l-infrastruttura ferrovjarja tiġi sfruttata għalkollox jiddependi minn kemm is-servizzi ferrovjarji joperaw kif antiċipat. Il-Qorti eżaminat:

- o jekk il-prestazzjoni tat-trasport hijiex konformi mal-aspettattivi, minn naħa fis-sezzjonijiet dedikati għas-servizzi ta' veloċità għolja tal-passiġġieri u minn oħra fis-sezzjonijiet konvenzjonali għall-merkanzija jew għall-użu mħallat; u
- o kemm ir-restrizzjonijiet tas-sistema jillimitaw il-prestazzjoni tal-assi li fuqhom hemm is-sezzjonijiet kofinanzjati mill-UE u l-progress li sar biex dawn jittaffew.

51. L-**Anness VI** juri l-istatus tal-użu tas-sezzjonijiet kofinanzjati mill-UE li ġew eżaminati fil-verifika.

Ritratt 4 – Ferrovija AVE ta' veloċità għolja tal-passiġġieri fl-istazzjon ta' Chamartin qabel it-tluq fuq il-linja Madrid-Segovia-Valladolid li tgħaddi mill-mina Guadarrama li hija twila 28 km



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Marzu 2009.

IL-PRESTAZZJONI TAS-SEZZJONIJIET DEDIKATI GĦAS-SERVIZZI TA' VELOĊITÀ GĦOLJA GĦALL-PASSIĠĠIERI HIJA F'KONFORMITÀ MAL-ASPETTATIVI

52. Tmienja mill-21 sezzjoni li ġew eżaminati fil-verifika kkontribwew għall-kostruzzjoni ta' linji ġodda ta' veloċità għolja tal-passiġġieri li, meta saret il-verifika, sebgħa minnhom kienu qed joperaw (ir-**Ritratt 4**). Is-servizzi ferrovjarji qed jaħdmu kif kien mistenni fuq sitta minn dawn il-linji u l-problemi li kienu qed joħolqu dewmien biex is-servizzi ferrovjarji jibdwu jaħdmu għalkollox fil-linja l-oħra ssolvew (HSL Zuid). Il-promoturi tal-proġetti tipikament ipprevedew li l-proġetti kien se jkollhom impatti sinifikanti fis-swieq fil-mira u d-dejta disponibbli turi li l-prestazzjoni reali miksuba kienet konformi ma' dawn l-aspettattivi (ara l-**Kaxxa 9**). Il-fatt li din l-infrastruttura hija maħsuba għal servizzi definiti tajjeb u omoġenji jfisser li l-isfruttar tagħha, filwaqt li huwa tekniku ħafna, mhuwiex ikkumplikat mill-ħtieġa li din għandha tadatta ruħha għal użu mħallat.

KAXXA 9

IS-SERVIZZI TA' VELOĊITÀ GĦOLJA TAL-PASSIĠĠIERI JISSODISFAW L-OBJETTIVI

Is-sezzjoni ta' **Madrid-Barcellona LVE** wasslet għal tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar bejn iż-żewġ ibliet minn 6 sigħat u 35 minuta (fl-1998) għal sagħtejn u nofs, biex b'hekk żiedet is-sehem mis-suq mir-rotot tas-servizzi tal-ajru. In-numru tal-passiġġieri tela' minn 2,62 miljun (2007) għal 5,8 miljun (2008).

Is-sezzjoni tal-**Istazzjon Ċentrali ta' Berlin** qed tiffiranka 25 minuta meta jinbidlu l-ferroviji bejn l-assi mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u mil-Lvant għall-Punent u tipprovdi wkoll opportunitajiet ta' vvjaġġar ġodda għalkollox.

Is-sezzjoni **LGV Est (il-Fażi 1)** tippermetti veloċitajiet sa 320 km fis-siegħa u għaldaqstant il-ħin tal-ivvjaġġar bejn Pariġi u Strażburgu niżel minn 3 sigħat u 50 minuta għal sagħtejn u 20 minuta, u bejn Pariġi u l-Lussemburgu minn 3 sigħat u 35 minuta niżel għal sagħtejn u 5 minuti u dan wassal għal tnaqqis fis-servizzi tal-ajru bejn Pariġi u l-ajruporti qrib l-ibliet li issa jibbenefikaw mill-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja.

Minbarra li tejbu t-trasport dirett tal-passiġġieri, il-linji ta' veloċità għolja tal-passiġġieri ta' **Frankfurt a.M.–Köln u Nürnberg-Ingolstadt** naqqsu l-impatt tal-kapaċità fuq il-linji stabbiliti ta' użu mħallat / tal-merkanzija.

**FIS-SEZZJONIJIET LI JAQDU T-TRAFFIKU
KONVENZJONALI TAL-MERKANZIJA JEW IMĦALLAT,
IL-PRESTAZZJONI TAT-TRASPORT GĦADHA MA
LAĦQITX L-ASPETTATTIVI**

- 53.** Mis-sezzjonijiet li ġew eżaminati fil-verifika, 13 kienu relatati mal-infrastruttura għall-użu mħallat jew għall-merkanzija u minnhom ħamsa biss kienu qed joperaw. Dawn is-sezzjonijiet ġeneralment kellhom bħala objettivi li jnaqqsu l-punti ta' konġestjoni, iżidu l-kapaċità u jqassru l-ħinijiet tal-ivvjaġġar (ara wkoll **Kaxxa 10** dwar il-mini tal-Alpi).
- 54.** L-ilħuq tal-objettivi ta' prestazzjoni fil-ħames sezzjonijiet li qed joperaw kien problematiku sal-punt li sal-lum l-ebda waħda minnhom mhi qed tiġi sfruttata kif ippjanat. Il-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw l-ilħuq tal-objettivi ta' prestazzjoni huma dawk relatati, minn naħa, mad-domanda għas-servizzi li potenzjalment jistgħu joperaw fuq l-infrastruttura u, mill-oħra, mar-restrizzjonijiet tal-interoperabilità u restrizzjonijiet oħra fis-sistema ferrovjarja li minħabba fihom is-servizzi ferrovjarji trans-Ewropej jiġu interrotti. Dan jikkonferma li l-progress ġenerali tat-trasport ferrovjarju trans-Ewropew jiddependi fuq il-kisba ta' sinerġiji bejn l-effetti ta' miżuri leġiżlattivi fir-rigward tas-swieq u l-interoperabilità u l-miżuri tal-politika ta' kofinanzjament, opinjoni li ġiet enfasizzata wkoll mill-koordinaturi²⁸.

²⁸ Id-Dokument li jindika pożizzjoni tal-Koordinaturi tat-Transport Ewropew: Is-Sur Karel Van Miert, is-Sur Etienne Davignon, is-Sur Carlo Secchi, is-Sur Laurens Jan Brinkhorst, is-Sur Péter Balázs, is-Sinjura Karla Peijs, is-Sur Luís Valente De Oliveira, is-Sur Pavel Telička, is-Sur Karel Vinck dwar il-Futur tal-Politika Ten-T Policy, Brussell, is-6 t'Ottubru 2009.

SEZZJONIJIET SPEĊJALI: IL-MINI TAL-ALPI FI BRENNERO U MONT-CENIS

Dawn huma sezzjonijiet ta' skala partikolarment kbira li joħolqu mini bejn l-Awstrija u l-Italja ([Brennero](#)) u Franza u l-Italja ([Mont-Cenis](#)) biex jiffaċilitaw it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri b'mod aktar effiċjenti billi jevitaw il-ħtieġa li jinqasmu l-Alpi mir-rotot ristretti eżistenti, ħaġa li mhijiex mixtieqa kemm mill-perspettiva tat-trasport u kif ukoll minn dik ambjentali. Filwaqt li antiċipaw l-użu mħallat, il-mini jiffukaw primarjament fuq it-trasport tal-merkanzija; il-promoturi tal-proġetti jistennu li se jkun hemm impatt tas-suq trasformazzjonali fuq ir-rotot fil-mira billi jiġu ffaċilitati volumi tal-merkanzija oġġla b'mod sinifikanti minn dak li attwalment hu possibbli, biex b'hekk jinkiseb sehem sinifikanti mis-suq ġenerali meta mqabbel ma' mezzi oħra ta' trasport. Il-proġetti huma impriżi fit-tul li jieħdu bejn 10 u 15-il sena u li attwalment jinsabu fil-fażijiet ta' ppjanar u ta' esplorazzjoni tagħhom.

Ritratt 5 – Id-daħla għall-mina esploratorja għall-Mina Brennero f'Fortezza



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

**IR-RESTRIZZJONIJET TAS-SISTEMA GĦANDHOM EFFETT NEGATTIV
LI JISTA' JKUN SIMILI FID-DAQS GĦALL-QLIGĦ MILL-PRESTAZZJONI
LI JIRRIŻULTA MINN INVESTIMENTI FL-INFRASTRUTTURA LI JISWEW
IL-FLUS**

- 55.** L-użu li jsir mill-infrastruttura ferrovjarja jiddependi minn diversi fatturi, inklużi l-kundizzjonijiet ekonomiċi ġenerali²⁹, l-iżviluppi relatati fil-portijiet, fil-mini eċċ. (ara l-**Kaxxa 11**) u anki l-investiment xi mkien ieħor fis-sistema ferrovjarja (ara l-**Kaxxa 12**).
- 56.** Il-limiti tas-sistema huma wkoll ta' importanza konsiderevoli. Għas-servizzi trans-Ewropej ta' veloċità għolja tal-passiġġieri bħal dawk li joperaw bejn Pariġi, Brussell u Londra, isiru arranġamenti speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ferroviji ma jkollhomx jieqfu fil-fruntieri. Pereżempju, il-lokomotivi huma attrezzati biex ikunu interoperabbli bl-enerġija tat-trazzjoni multipla u bis-sistemi (tas-sinjalar) ta' kontroll tal-ferrovija, u hemm ftehim dwar ir-regoli operazzjonali li jirregolaw dawn il-linji speċifiċi eċċ. Filwaqt li huwa kkumplikat, dan huwa possibbli għax is-servizz huwa ddedikat għal dan l-iskop biss, u hemm rieda ċara min-naħa tal-partijiet interessati ewlenin li jindirizzaw problemi potenzjali.

Ritratt 6 – Stokk tal-fusijiet tar-roti tal-vaguni fil-faċilità tat-tibdil tal-gauge ta' TRANSFESA f'Cerbère fil-fruntiera bejn Franza u Spanja



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Marzu 2009.

²⁹ Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, It-tieni rapport dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq ferrovjarju, COM(2009) 676 finali, Brussell, 18.12.2009.

KAXXA 11

IS-SEZZJONIJIET TAL-INFRASTRUTTURA LI JISTGĦU JKUNU SFRUTTATI BISS META JSEĦĦU ŻVILUPPI OĦRA

Il-[Betuweroute](#) tgħaddi mil-Lvant għall-Punent bejn il-port ta' Rotterdam u l-fruntiera bejn l-Olanda u l-Ġermanja; hija maħsuba biss għat-traffiku tal-merkanzija. Filwaqt li l-infrastruttura tal-linja saret disponibbli għalkollox għas-servizzi ferrovjarji f'Ġunju 2007, b'kapaċità massima realistika ta' 380 ferrovija kuljum bħala medja, bħalissa qed jgħaddu 20 ferrovija kuljum, ammont li huwa mistenni jiżdied għal 150 kuljum sal-2013: id-dħul gradwali tal-lokomotivi kompatibbli mas-sistema tas-sinjalar tal-livell 2 tal-ERTMS kien fattur limitanti sal-lum. Huwa antiċipat li t-traffiku se jiżdied għal 380 ferrovija kuljum wara li jitwettqu l-iżviluppi ppjanati fit-tieni Maasvlakte fil-port.

L-użu tas-sezzjoni kofinanzjata mill-UE li qed tinbena f'[Kufstein-Innsbruck](#), fil-Kuritur Brennero bejn Munich u Verona, se jkun limitat mill-volum ta' traffiku li jista' jaqsam il-passaġġ tal-muntanji fl-istazzjon ta' Brennersee. Din is-sitwazzjoni se titjieb b'mod sinifikanti fl-2022 biss, meta l-linji ferrovjarji li jgħaddu mill-[Mina Brennero](#), li qed tinbena bħalissa, jibdew joperaw fil-kuritur.

L-isfruttar tas-sezzjoni internazzjonali ta' [Perpignan-Figueras](#) jiddependi sa ċertu punt mill-flussi tat-traffiku tal-merkanzija bejn Spanja u Franza u l-iżviluppi li jsiru fil-portijiet (bħal Barcellona) se jkollhom influwenza importanti.

KAXXA 12

L-INFRASTRUTTURA ŻVILUPPATA BIEX TAPPOĠĠJA S-SERVIZZI LI GĦALIHOM MHIJIEX MISTENNIJA DOMANDA SPEĊIFIKA FIL-FUTUR QARIB JEW MEDJU

Il-linji ta' kapaċità għolja u ta' veloċità għolja [Roma-Napoli](#) u [Bologna-Firenze](#) nbnew biex iġorru kemm il-ferroviji tal-merkanzija u kif ukoll tal-passiġġieri. Biex il-ferroviji tal-merkanzija kif ukoll il-ferroviji tal-passiġġieri jkunu jistgħu joperaw, kienu meħtieġa investimenti sinifikanti fir-rigward tal-interkonnessjonijiet mal-linja konvenzjonali. Il-kostruzzjoni ta' mini, pontijiet u vijadotti sabiex jitnaqqsu t-tlajja' kienet ukoll neċessarja kif ukoll il-kapaċità li dejjem tikber tat-tagħbija tal-fus tar-rota. L-ebda ferrovija tal-merkanzija għadha ma bdiet topera fuq dawn il-linji u, filwaqt li dawn l-iżviluppi huma mistennija li jseħħu xi darba fil-futur, għad m'hemmx pjanijiet speċifiċi stabbiliti fost l-operaturi tal-ferrovija biex jagħmlu dan.

Fil-linja [Roma-Napoli](#), [Bologna-Firenze](#) u [Pioltello-Treviglio](#), il-lokomotivi tal-merkanzija disponibbli mhumu kapaċi jivvjaġġaw bil-veloċità minima stipulata ta' 120 km fis-siegħa.

Il-linja [Raca-Trnava-Piestany](#) tiflaħ għal veloċitajiet tal-ferroviji li jaslu sa 160 km fis-siegħa; madankollu, l-ebda ferrovija li titla' sa dawn il-veloċitajiet ma topera fis-Slovakkja attwalment.

57. Madankollu, is-sitwazzjoni għal-linji konvenzjonali li jaqdu l-użu mħallat tal-merkanzija u tal-passiġġieri hija aktar problematika. Il-qsim tal-fruntieri bejn xi sistemi ferrovjarji nazzjonali għadu kkumplikat sal-punt li ħafna servizzi ferrovjarji trans-Ewropej jiġu interrotti minħabba l-ħtieġa li jieqfu f'pos-tijiet fil-fruntieri. Il-Qorti osservat diversi kumplikazzjonijiet, inklużi differenzi fil-gauge, fl-enerġija tat-trazzjoni, fis-sistemi (tas-sinjalar) ta' kontroll tal-ferrovija, fit-tul tal-ferroviji u fir-regoli operazzjonali. Raġunijiet addizzjonali għaliex il-ferroviji jkollhom jieqfu huma n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-vetturi ferrovjarji awtorizzati biex jintużaw fi Stati Membri oħra, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-ekwipaġġ ferrovjarju, il-kontrolli tekniċi u kummerċjali, il-ġestjoni tat-traffiku fil-ħin reali (ara l-**Anness VII** għal analiżi ta' dawn il-problemi flimkien ma' eżempji mis-sezzjonijiet li ttieħdu bħala kampjun għall-verifika u l-assi trans-Ewropej li jinsabu fihom). Filwaqt li dawn il-kumplikazzjonijiet fil-fruntieri individwalment mhux neċessarjament jinvolvu dewmien sinifikanti, l-effett kumulattiv tagħhom jista' jkun sinifikanti, b'mod partikolari billi jistgħu jwasslu għal problemi fil-ġestjoni tat-traffiku, u b'hekk iġibu r-riskju ta' konġestjonijiet tat-traffiku u dewmien konsegwenti (ara l-**Kaxxa 13**).

Ritratt 7 – Il-faċilità tal-kontroll tat-traffiku fl-istazzjon ta' Brennersee



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

VJAĠĠ FERROVJARJU MINN MUNICH GĦALL-ISTAZZJON TA' BRENNERSEE

Qabel it-tluq minn Munich (ara r-**Ritratt 2**, p. 18) jitwettaq kontroll tekniku u kummerċjali u jiġi ċċekkjat li l-ferrovija hija mmuntata kif suppost u li s-sistema tal-brejkijiet tiffunzjona għalkollox. Il-ferrovija, li hija attrezzata b'żewġ lokomotivi, tinsaq minn xufier wieħed li jittellem bil-Ġermaniż.

Meta tidħol fin-netwerk ferrovjarju Awstrijak f'Kufstein, il-ferrovija ma tkun teħtieġ l-ebda tibdil għax ir-regoli operazzjonali fil-Ġermanja u fl-Awstrija huma armonizzati u l-awtoritajiet ferrovjarji rispettivi jaċċettaw formalment l-istandards ta' xulxin fir-rigward ta' ċerti differenzi żgħir. Tiżdied it-tielet lokomotiva biex tassisti fit-tluq lejn Brennersee (ara r-**Ritratt 8**).


Meta tilħaq l-istazzjon ta' Brennersee fil-quċċata tal-muntanja (il-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Italja), jitwettaq trasferiment biex jitneħħew iż-żewġ lokomotivi li ma jinħtiġux aktar. Jitwettqu kompiti oħra li huma neċessarji minħabba d-differenzi bejn ir-regoli operazzjonali Taljani u Awstrijaċi, b'mod partikolari:

- il-bidla tax-xufier: ir-regoli operazzjonali Taljani jitolbu żewġ xufiera li jikkellmu bit-Taljan (li huma liċenzjati biex isuqu fl-Italja) u li jissostitwixxu x-xufier uniku li jittellem bil-Ġermaniż (li huwa liċenzjat biex isuq fil-Ġermanja u fl-Awstrija);
- il-bidla tas-sinjali ta' wara: fil-Ġermanja u fl-Awstrija, bords li jirriflettu d-dawl huma meħtieġa fuq wara tal-ferrovija)³⁰, filwaqt li fl-Italja mhuwiex aċċettabbli li ferrovija jkollha bords li jirriflettu d-dawl iżda huma meħtieġa d-dwal ta' wara mixgħula (ara r-**Ritratt 9**, p. 47).

Għalkemm twettaq kontroll tekniku qabel it-tluq minn Munich u l-vjaġġ għal Verona huwa biss ta' 448 km (jiġifieri inqas mill-massimu ta' 700 km mitlub mir-regolamenti Taljani), jitwettaq kontroll ieħor fl-istazzjon ta' Brennersee li jieħu madwar 25 minuta. Dan il-kontroll addizzjonali jitwettaq minħabba li l-IF Taljana ma taċċettax il-kontroll tekniku mwettaq mill-impriża ferrovjarja Ġermaniża fi Munich. Ma jitwettaq l-ebda kontroll addizzjonali waqt il-vjaġġ fid-direzzjoni opposta għax l-impriża ferrovjarja Ġermaniża taċċetta l-kontroll li sar qabel mill-kontroparti Taljana tagħha.

³⁰ Id-diżinni preċiżi tal-bords li jirriflettu d-dawl skont ir-regoli operazzjonali Ġermaniżi u Awstrijaċi huma f'tit differenti minn xulxin iżda kull pajjiż jaċċetta l-bords tal-ieħor.

Ritratt 8 – Ferrovija tal-merkanzija titla' fuq l-Alpi fl-Awstrija lejn l-istazzjon ta' Brennersee



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

58. Jekk isir progress biex jittaffew dawn ir-restrizzjonijiet jista' jkun jiġi ffaċilitat it-titjib fit-trasport trans-Ewropew li jista' jitqabbel mal-qliġ mill-prestazzjoni li jirriżulta minn investimenti sinifikanti fl-infrastruttura (It-**Tabella 4** turi tqabbil mal-Proġett Prijoritarju 1). Dan il-progress kieku jinvolvi aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri milli l-investment finanzjarju fl-infrastruttura.

TABELLA 4

25 MINUTA FFRANKATI U 25 MINUTA DEWMIEN FIL-PROĠETT PRIJORITARJU 1

25 minuta

Il-ħin tal-ivvjaġġar iffrankat bil-kostruzzjoni ta' linja ġdida ta' veloċità għolja bejn Nürnberg u Ingolstadt fil-Ġermanja bi spiża ġenerali ta' 2 336 miljun euro (b'kofinanzjament tal-UE ta' 134 miljun euro mit-TEN-T)

Il-ħin addizzjonali meħtieġ għal kontroll tekniku għall-ferroviji li jidħlu l-Italja fl-istazzjon ta' Brennersee fil-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Italja, għax l-impriża ferrovjarja Taljana ma taċċettax il-kontroll tekniku diġà mwettaq fil-punt tat-tluq fi Munich mill-kontroparti Ġermaniża tagħha

59. Filwaqt li l-eżistenza ta' dawn ir-restrizzjonijiet f'kurituri importanti hija magħrufa sew fl-industrija ferrovjarja fl-Ewropa, studju li jiddeskrivi bis-sħiħ dawn il-problemi, jikkwantifika l-impatt tagħhom u jidentifika soluzzjonijiet possibbli mhuwiex disponibbli fil-livell Ewropew għall-assi importanti kollha.
60. Biex ir-restrizzjonijiet tas-sistema fuq l-assi trans-Ewropej jittaf-few, jeħtieġ li jkun hemm ftehim bejn l-Istati Membri. Tentattivi limitati biex dan isir fil-livell Ewropew huma relattivament żviluppi reċenti minħabba li storikament kien diffiċli biex jinkiseb progress f'kuntest bilaterali. Hemm eċċezzjoni notevoli, li kellha suċċessi importanti, fejn istituzzjonijiet mill-Istati Membri qed jikkoperaw biex itejbu l-prestazzjoni tat-trasport ferrovjarju fuq assi ferrovjarju (ara l-**Kaxxa 14**). Inizjattivi oħra bħal din qed jiżviluppaw, ta' sikwit bl-appoġġ tal-Koordinaturi maħtura mill-Kummissjoni, pereżempju fir-rigward tal-Kuritur Brennero.
61. Il-progress fuq tema waħda ġie indirizzat fil-livell Ewropew, bil-leġiżlazzjoni tal-UE adottata fl-2008 bl-għan li tiffaċilita l-aċċettazzjoni reċiproka tal-vetturi ferrovjarji fost in-networks ferrovjarji nazzjonali³¹.

³¹ Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

IL-GRUPP INTERNAZZJONALI GĦAT-TITJIB TAL-KWALITÀ TAT-TRASPORT FERROVJARJU FIL-KURITUR MIT-TRAMUNTANA GĦAN-NOFSINHAR (ROTTERDAM-ĠENOVA) ("IQC")

Mill-2003, l-awtoritajiet Ġermaniżi, Olandiżi, Taljani u Svizzeri relatati mat-trasport ferrovjarju qed jikkoperaw biex janalizzaw u jsoġġu l-problemi fil-kuritur. Huma kellhom suċċessi notevoli, pereżempju fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tas-sewwieqa u l-aċċettazzjoni reċiproka tal-proċeduri tal-approvazzjoni għall-vetturi ferrovjarji. Fl-2008 twaqqaf Grupp Ewropew ta' Interess Ekonomiku u ġie stabbilit uffiċċju għall-ġestjoni tal-programmi biex iġesti l-ħidma tal-Grupp. Ġie approvat pjan ta' azzjoni ta' 14-il punt li jerġa' jsemmi s-sejbiet ta' dan ir-rapport billi jenfasizza l-importanza ta' aspetti bħall-iskjerament tal-ERTMS, ir-regoli operazzjonali u ċ-ċertifikazzjoni tal-ekwipaġġ ferrovjarju bħala restrizzjonijiet ewlenin għat-trasport trans-Ewropew.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

- 62.** Permezz tal-kofinanzjament tal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, l-UE kkontribwiet għall-għoti ta' possibbiltajiet ġodda għat-trasport ferrovjarju trans-Ewropew. Madankollu, jistgħu jittieħdu xi azzjonijiet biex jinkiseb aktar valur għall-flus tal-UE.
- 63.** Il-Proġetti Prijoritarji huma l-mekkaniżmu ewlieni għall-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u għaldaqstant huwa importanti li d-definizzjoni tagħhom tirrifletti l-ħtiġijiet attwali u antiċipati. Madankollu, sal-lum għadhom ma ġewx definiti fuq il-bażi ta' analiżi tal-flussi tat-traffiku attwali u mistenni u ma jirrappreżentawx deskrizzjonijiet definittivi tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin (ara l-paragrafi 19 sa 24).

RAKKOMANDAZZJONI 1

Il-Kummissjoni għandha, sabiex **tikkonċentra l-fondi tal-UE**, fil-kunsiderazzjonijiet futuri tad-definizzjoni tal-Proġetti Prijoritarji:

- o taħdem mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet ferrovjarji biex issaħħaħ il-**bażijiet tal-għarfien u tal-analiżijiet** fil-livell Ewropew dwar il-flussi tat-traffiku ferrovjarju eżistenti u mistennija, u;
- o tidentifika dawk il-kurituri trans-Ewropej li għalihom hemm **domanda sinifikanti attwali jew antiċipata**.

- 64.** L-immirar tal-investimenti infrastrutturali tal-UE skont it-TEN-T huwa importanti. Il-konċentrazzjoni tal-kofinanzjament tat-TEN-T f'postijiet transkonfinali tjiebet, iżda għad fadal ħafna xi jsir f'dawn il-postijiet fil-Proġetti Prijoritarji li ttieħdu bħala kampjun. Il-Koordinaturi taw kontribut pożittiv iżda hemm bżonn li titjieb l-analiżi dwar il-punti ta' konġestjoni. Kien hemm nuqqasijiet fi ħdan il-Kummissjoni fil-proċeduri tal-approvazzjoni għal proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni, u għad hemm lok għal titjib fil-proċeduri tal-għażla għall-proġetti tat-TEN-T (ara l-paragrafi 25 sa 38).

RAKKOMANDAZZJONI 2

Il-Kummissjoni għandha:

- o tiżgura li analiżi robusta tas-sezzjonijiet l-aktar importanti tal-**punti ta' konġestjoni** fil-Proġetti Prijoritarji tkun disponibbli biex tappoġġja d-deċiżjonijiet dwar l-immar tal-fondi tat-TEN-T;
- o tibni fuq l-irwoli attwati sal-lum mill-Koordinaturi u tikunsidra li taħtar aktar **koordinaturi** biex ikopru Proġetti Prijoritarji oħrajn;
- o tiżgura li l-**proċeduri għall-approvazzjoni ta' proġetti taħt il-Politika ta' Koeżjoni jkunu robusti**, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-karatteristiċi tekniċi u, fid-dawl tar-riskji sostanzjali ta' żidiet fl-ispejjeż, tiżgura li l-proġetti proposti jkunu tnejjew bir-reqqa u jużaw il-prattiki tajba tal-industrija kif juru l-proġetti li twettqu fil-ħin u fil-limiti tal-baġit; u
- o ittejjeb il-kwalità tal-analiżijiet tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż bħala appoġġ għall-**proċeduri tal-għażla tat-TEN-T**.

65. Il-proġetti infrastrutturali konfinanzjati mill-UE wasslu l-infrastruttura ppjanata skont l-ispeċifikazzjonijiet, u ladarba tlestew ħolqu possibbiltajiet ġodda u mtejbja fit-trasport ferrovjarju f'sezzjonijiet ewlenin tal-Proġetti Prijoritarji. F'ħafna każijiet saru emendi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minħabba ċirkostanzi li tfaċċaw waqt il-konstruzzjoni (ara l-paragrafi 39 sa 48).

RAKKOMANDAZZJONI 3

Il-Kummissjoni għandha tiegħu r-riedni f'idejha **fl-iffaċilitar tal-iskambju tal-għarfien** u l-esperjenza dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja fost il-promuturi tal-proġetti, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-passat bħall-proġett ta' Netlipse biex tagħmel dan.

66. Sar titjib li jista' jitkejjel fuq linji ddedikati għas-servizzi ta' veloċità għolja tal-passiġġieri li qed joperaw bis-sħiħ kif ipp-janat. Madankollu, l-użu tas-sezzjonijiet konvenzjonali għal użu mħallat u għall-merkanzija li jibbenefikaw minn kofinanzjament tal-UE huwa influwenzat minn firxa ta' fatturi li jfissru li s-servizzi ferrovjarji għadhom mhumiex operattivi b'mod sħiħ fil-livelli previsti. Ir-restrizzjonijiet tas-sistema jippersistu fin-netwerk ferrovjarju Ewropew, speċjalment f'postijiet fuq il-fruntiera (ara l-paragrafi 49 sa 61).

RAKKOMANDAZZJONI 4

Il-Kummissjoni għandha:

- o tikkunsidra kemm jista' jinkiseb aktar valur għall-flus tal-UE billi tagħmel aktar enfasi biex [jittaffew ir-restrizzjonijiet prattiċi](#) għat-trasport ferrovjarju transkonfinali, li mhumiex fihom infushom relatati mal-infrastruttura; u
- o tinkoraġġixxi t-tqajjim u l-appoġġ ta' [kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ferrovjarji tal-Istati Membri fil-livell tal-kuritur](#) (bħall-istruttura stabbilita fil-kuritur bejn Rotterdam u Ġenova) sabiex jiġu indirizzati l-barrieri biex it-trasport ferrovjarju jimxi bla problemi fuq l-infrastruttura eżistenti.

Dan ir-Rapport kien adottat mill-Kamra II, immexxija mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2010.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Ritratt 9 – Dwal ta' wara meħtieġa biex ferrovija topera fl-Italja
qed jistennew li jitwaħħlu fl-istazzjon ta' Brennersee



© Qorti Ewropea tal-Awdituri, Frar 2009.

SOMMARJU TAL-LEĠIŻLAZZJONI EWROPEA EWLENJA FIR-RIGWARD TAL-INDUSTRIJA FERROVJARJA

		Att leġiżlattiv	Emendi	
Korpi u swieq	Żvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità	Id-Direttiva 2001/12/KE Id-Direttiva 2004/51/KE Id-Direttiva 2007/58/KE	
	Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji	Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji	Ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008	
	Liċenzjar	Id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji	Id-Direttiva 2001/13/KE Id-Direttiva 2004/49/KE	
	Allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u l-piżijiet għall-użu ta' infrastruttura	Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà	Id-Deċiżjoni 2002/844/KE Id-Direttiva 2004/49/KE Id-Direttiva 2007/58/KE	
	Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat	Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji	(2008/C 184/07)	
Sigurtà u interoperabilità	Interoperabilità	Interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali	Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea	Id-Direttiva 2004/50/KE Id-Direttiva 2007/32/KE
		Interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja	Id-Direttiva 2004/50/KE Id-Direttiva 2007/32/KE
		Interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità	Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità	
	Sigurtà	Sigurtà tal-linja tal-ferrovija	Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità	Id-Direttiva 2008/110/KE
			Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007 tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' format komuni Ewropew għaċ-ċertifikati tas-sigurtà u d-dokumenti tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u dwar il-validità taċ-ċertifikati tas-sigurtà li nħarġu skont id-Direttiva 2001/14/KE	

ANNEX I

		Att leġiżlattiv	Emendi
Ħaddiema ferrovjarji	Sewwieqa tal-ferroviji	Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità	
	Ħaddiema mobbli	Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini intero-perabbli fis-settur tal-ferroviji	
Drittijiet tal-passiġġieri	Obbligi tas-servizz pubbliku	Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70	
	Drittijiet tal-passiġġieri	Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji	

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦALL-INTEROPERABILITÀ

Kategorija	Deskrizzjoni	Referenza
TSIs dwar il-Veloċità Għolja (adottati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni)	Manutenzjoni tas-Subsistema	
	Kmand ta' kontroll u sinjalazzjoni Kmand ta' kontroll u sinjalazzjoni - Corrigendum	2002/731/KE
	Subsistema tal-Infrastruttura	2002/732/KE
	Subsistema tal-Enerġija	2002/733/KE
	Subsistema tal-vaguni tal-ferrovija	2002/735/KE
	Subsistema tat-tħaddim tas-sistema	2002/734/KE
	Subsistema ta' kontroll u kmand tal-ERTMS li temenda l-Anness A ta' 2006/679	2006/860/KE
	Subsistema ta' kontroll u kmand tal-ERTMS li temenda l-Anness A ta' 2006/679 u l-Anness A ta' 2006/860	2008/386/KE
TSIs dwar il-Veloċità Għolja riveduti (adottati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni)	Subsistema "infrastruttura"	2008/217/KE
	Subsistema tat-tħaddim Anness A, Anness P 9	2008/231/KE
	Subsistema "vetturi ferrovjarji" Vetturi ferrovjarji - Corrigendum	2008/232/KE
	Subsistema "tal-enerġija"	2008/284/KE
	Kmand-kontroll u sinjalar – li timmodifika l-Anness A tad-Deċiżjoni 2002/731/KE tat-30 ta' Mejju 2002 Kmand-kontroll u sinjalar – li timmodifika l-Anness A tad-Deċiżjoni 2002/731/KE tat-30 ta' Mejju 2002 - Corrigendum	2004/447/KE
	Kontroll u sinjalar – li timmodifika l-Anness A tad-Deċiżjoni 2006/860 għall-ferroviji ta' veloċità għolja u konvenzjonali	2007/153/KE

ANNEX II

Kategorija	Deskrizzjoni	Referenza
TSIs dwar il-ferroviji konvenzjonali (adottati bid-Deċiżjonijiet / Regolamenti tal-Kummissjoni)	Applikazzjonijiet tat-Telematika għas-servizzi tal-merkanzija	62/2006/KE
	Aspetti tal-istorbju tal-vetturi ferrovjarji konvenzjonali	2006/66/KE
	Kmand-kontroll u sinjalar	2006/679/KE
	Kmand-kontroll u sinjalar	2009/561/KE
	Subsistema ta' kontroll u kmand tal-ERTMS li timmodifika l-Anness A ta' 2006/679/KE	2006/860/KE
	Subsistema ta' kontroll tal-ERTMS li timmodifika l-Anness A ta' 2006/679 u l-Anness A ta' 2006/860	2008/386/KE
	Vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija - Emenda tad-Deċiżjonijiet 2006/861/KE u 2006/920/KE	2006/861/KE 2009/107/KE
	Operazzjoni u ġestjoni tat-traffiku - Anness P 5: Emenda tad-Deċiżjonijiet 2006/861/KE u 2006/920/KE Anness P 9	2006/920/KE 2009/107/KE
	Il-pjan ta' użu ERTMS	2009/561/KE
TSIs transversali (Ferrovviji ta' Veloċità Għolja u Konvenzjonali) (adottati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni)	Is-sikurezza fil-mini ferrovjarji	2008/163/KE
	Persuni b'mobilità mnaqqsa	2008/164/KE

LISTA TA' PROĠETTI PRIJORITARJI TEN-T

"Proġetti ta' Essen" (Linji gwida tat-TEN-T tal-1996)	Proġetti Prijoritarji (Linji gwida tat-TEN-T tal-2004)
Ferrovija ta' veloċità għolja/trasport imħallat mit-Tramuntana għan-Nofsinhar: Nürnberg- Erfurt-Halle/Leipzig-Berlin. Assi ta' Brennero: Verona-Munich	Assi ferrovjarju PP1 Berlin-Verona/Milan-Bologna-Napoli-Messina-Palermo
Ferrovija ta' veloċità għolja (Pariġi-Brussell-Köln-Amsterdam-Londra)	Assi ferrovjarju ta' veloċità għolja PP2 Pariġi-Brussell/Brussell-Köln-Amsterdam-Londra
Ferrovija ta' veloċità għolja tan-Nofsinhar: Madrid-Barcellona-Perpignan-Montpellier; Madrid-Vitoria-Dax	Assi ferrovjarju ta' veloċità għolja PP3 Lisboa/Porto-Madrid-Barcellona-Perpignan-Montpellier; Madrid-Vitoria-Dax-Bordeaux-Tours
Assi ferrovjarju ta' veloċità għolja tal-Lvant	PP4 Assi ferrovjarju ta' veloċità għolja tal-Lvant
Betuweroute	PP5 Betuweroute
Ferrovija ta' veloċità għolja/trasport imħallat: Lyon-Trieste	PP6 Assi ferrovjarju Lyon-Trieste-Divaca/Koper/Divaca-Ljubljana-Budapest-fruntiera Ukrena
	PP8 Assi multimodali Portugall/Spagna-il-bqija tal-Ewropa
Assi ferrovjarju ta' Cork-Dublin-Belfast-Stranraer	PP9 Assi ferrovjarju Cork-Dublin-Belfast-Stranraer
Kollegament fiss ta' Öresund	PP11 Kollegament fiss ta' Öresund
Assi ferrovjarju/tat-triq tat-triangolu Nordiku	PP12 Assi ferrovjarju/tat-triq tat-triangolu Nordiku
West Coast Main Line (Linja Ewlenija tax-Xatt tal-Punent)	PP14 West Coast Main Line
	PP16 Assi ferrovjarju tal-merkanzija ta' Sines/Algeciras-Madrid-Pariġi
	PP17 Assi ferrovjarju Pariġi-Strasburg-Stuttgart-Vjenna-Bratislava
	PP19 Interoperabilità ferrovjarja ta' veloċità għolja fuq il-peniżola Iberika
	PP20 Assi ferrovjarju Fehmarn Belt
	PP22 Assi ferrovjarju Athina-Sofia-Budapest-Vjenna-Praga-Nürnberg/Dresden
	PP23 Assi ferrovjarju Gdańsk-Varsavja-Brno/Bratislava-Vjenna
	PP24 Assi ferrovjarju Lyon/Ġenova-Basel-Duisburg-Rotterdam/Antwerp
	PP26 Assi ferrovjarju/tat-triq tal-Irlanda/Renju Unit/Ewropa kontinentali
	PP27 Assi ferrovjarju Baltiku Varsavja-Kaunas-Riga-Tallinn-Helsinki
	PP28 Eurocaprail fuq l-assi ferrovjarju ta' Brussell-Lussemburgu-Strasburg
	PP29 Assi ferrovjarju tal-kuritur intermodali Jonjan/Adrijatiku

KAMPJUN GĦALL-VERIFIKA TAS-SEZZJONIJIET INFRASTRUTTURALI KOFINANZJATI MILL-UE

1. Ġie analizzat kampjun ta' 21 sezzjoni ta' infrastruttura ferrovjarja li bbenefikaw minn kofinanzjament tal-UE (u deċiżjonijiet relatati ta' finanzjament). Is-sezzjonijiet kienu jinsabu fi tmienja mill-Proġetti Prijoritarji (1, 2, 3, 5/24, 6, 4/17, 19, 23). Id-dettalji tal-kampjun jintwerew fit-tabella ta' hawn taħt.
2. Il-kampjun kopra proporzjon għoli tal-investimenti tal-UE fl-infrastruttura ferrovjarja. B'kollox, il-kampjun ikopri total ta' 8 683 miljun euro (1 613-il miljun euro mit-TEN-T u 7 070 miljun euro mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-ISPA u mill-FEŻR). Dan jirrappreżenta 77 % tal-investimenti ta' kofinanzjament tal-UE fil-Proġetti Prijoritarji kampjun, u 36 % tal-investment mis-sorsi kollha ta' din.
3. Is-sezzjonijiet fil-kampjun kienu jikkonċernaw, fejn possibbli:
 - o sezzjonijiet li tlestew jew waslu biex jitlestew,
 - o sezzjonijiet transkonfinali u ta' punti ta' konġestjoni,
 - o kurituri importanti tal-passiġġieri u tal-merkanzija (li jipprovdu xi koinċidenza mal-kurituri tal-ERTMS),
 - o konnessjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE-15 u tal-UE-10,
 - o sezzjonijiet fejn il-finanzjament privat ġie investit u,
 - o sezzjonijiet ewlenin ta' mini fl-Alpi.

SEZZJONIJIET TAL-PROĠETTI PRIJORITARJI KOFINANZJATI MIT-TEN-T, MILL-FOND TA' KOEŻJONI (FK) JEW MILL-FEŻR RIVEDUTI GĦALL-VERIFIKA

		Linji tal-passiġġieri ddedikati	Linja b'użu mħallat	Linji tal-merkanzija ddedikati
Sezzjonijiet lesti	Qed joperaw	Stazzjon Ċentrali ta' Berlin (DE) [TEN-T] Frankfurt A.M. – Köln (DE) [TEN-T] Nürnberg-Ingolstadt (DE) [TEN-T] TGV Est Fazi 1 (FR) [TEN-T] Madrid-Valladolid (ES) [FK, FEŻR, TEN-T] Madrid-Barcellona (ES) [FK, TEN-T] HSL Zuid (NL) [TEN-T]	Pioltello-Treviglio (IT) [TEN-T] Raca-Trnava-Piestany (SK) [FK] Ruma-Napli (IT) [FEŻR, TEN-T] Messina-Patti (IT) [FEŻR]	Betuweroute (NL) [TEN-T]
	Qed jistennu li jibdew joperaw		Perpignan-Figueras (FR, ES) [TEN-T] Bologna-Firenze (IT) [TEN-T]	
Sezzjonijiet li qed jinbnew		Madrid-Levante (ES) [FK, FEŻR, TEN-T]	Karlsruhe-Basel (DE) [TEN-T] Kufstein-Innsbruck (AT) [TEN-T] Linz-St Polten (AT) [TEN-T] Varsavja-Gdynia (PL) [FK]	
Sezzjonijiet fil-fażi ta' ppjanar u ta' esplorazzjoni			Mina Brennero (AT, IT) [TEN-T] Mina Lyon-Turin (FR, IT) [TEN-T]	

ANNEX V

KOORDINATURI MAĦTURA MILL-KUMMISSJONI FIR-RIGWARD TAL-PROĠETTI PRIJORITARJI FERROVJARJI F'ĠUNJU 2010

Proġett Prijoritarju Ferrovjarju	Koordinatur
1	Pat Cox
3	Carlo Secchi
6	Laurens Jan Brinkhorst
17	Péter Balázs
19	Carlo Secchi
22	Gilles Savary
27	Pavel Telička
L-iskjerament tal-ERTMS	Karel Vinck

ANNEX VI

SEZZJONIJIET KOFINANZJATI MILL-UE EŻAMINATI FIL-VERIFIKA:
L-ISTATUS TAL-KOSTRUZZJONI U TAL-UŻU

		Lesti biex jintużaw			Kemm jistgħu jintużaw				
		Kostruzzjoni lesta	Għadhom qed jinbnew	Jistgħu jintużaw	Użu sħiħ	Użu sħiħ mistenni	Żviluppi oħra mistennija fin-netwerk tat-trasport	X'aktarx mhux se jsir użu sħiħ tal-potenzjal għal terminu ta' żmien qasir jew medju	Sezzjonijiet għal terminu ta' żmien itwal
Sezzjoni tal-merkanzija	Betuweroute	✓		✓			✓		
Sezzjonijiet (konvenzjonali) ta' użu mħallat	Mina Lyon-Turin		✓						✓
	Mina Brennero		✓						✓
	Varsavja-Gdynia		✓			✓			
	Linz-St Polten		✓			✓			
	Kufstein-Innsbruck		✓				✓		
	Karlsruhe-Basel		✓			✓			
	Bologna-Firenze	✓						✓	
	Perpignan-Figueras	✓					✓		
	Messina-Patti	✓		✓				✓	
	Roma-Napoli	✓		✓				✓	
	Raca-Trnava-Piestany	✓		✓				✓	
	Pioltello-Treviglio	✓		✓				✓	
Sezzjonijiet iddikati għall-passiġġieri	Madrid-Levante		✓			✓			
	HSL Zuid	✓		✓		✓			
	Madrid Barçellona	✓		✓	✓				
	Madrid – Valladolid	✓		✓	✓				
	TGV Est (Fażi 1)	✓		✓	✓				
	Nürnberg - Ingolstadt	✓		✓	✓				
	Frankfurt AM - Köln	✓		✓	✓				
	Stazzjon Ċentrali ta' Berlin	✓		✓	✓				

ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RESTRIZZJONIJIET TAS-SISTEMA F'POSTIJIET TRANSKONFINALI FUQ L-ASSI FERROVJARJI TRANS-EWROPEJ OSSERVATI WAQT IL-VERIFIKA

IL-GAUGE

1. Il-biċċa l-kbira tal-ferroviji fl-Unjoni Ewropea joperaw fuq il-gauge standard tal-UIC¹. Eċċezzjoni importanti għal dan huwa n-netwerk ferrovjarju tradizzjonali fi Spanja, li jopera b'gauge usa'. Id-differenza fil-gauge tfisser li l-ferroviji tal-passiġġieri att-rezzati b'teknoloġija speċjali li taġġusta ruħha għall-gauge biss jistgħu jgħaddu bejn Franza u Spanja; il-ferroviji kollha l-oħra jkollhom jieqfu fil-fruntiera. Il-ferroviji tal-merkanzija li jaqsmu l-fruntiera jew jinħattu u jerġgħu jitgħabbew, jew jinbidlulhom il-fusijiet tar-roti f'faċilitajiet speċjali (ara **Ritratt 6**). Il-progress fl-indirizzar ta' din il-problema qed isir permezz ta' investimenti fl-infrastruttura (erba' sezzjonijiet eżaminati fil-verifika li jinsabu fil-Proġetti Prijoritarji 3 u 19 huma relatati ma' dan):
 - o in-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja AVE tal-passiġġieri fi Spanja qed jinbena bl-użu ta' gauge tal-UIC u huwa ppjanat li se jagħmel konnessjoni man-netwerk Franċiż bejn Perpignan u Figueras u bejn Irun u Hendaye, u;
 - o fl-intersezzjonijiet bejn il-gauges tal-UIC u dawk Iberiċi fin-netwerk Spanjol, l-interoperabilità se tkun appoġġjata permezz ta' apparat għat-tibdil tal-gauge, pereżempju, qrib l-istazzjon ta' Chamartin f'Madrid u qrib Medina del Campo.

¹ Union International de Chemins de Fer.

L-ENERĠIJA TAT-TRAZZJONI

2. L-interoperabilità ta' xi sistemi nazzjonali għadha problematika għax l-elettriku pprovdut lil-linji ferrovjarji tal-Istati Membri ġirien jaħdem skont standards tekniċi differenti u dan jikkawża kumplikazzjonijiet f'postijiet transkonfinali (ara l-**Kaxxa A**). Minħabba l-ispejjeż sinifikanti u l-isfidi tekniċi, x'aktarx il-problema mhux se tissolva għalkollox bl-investiment f'infrastruttura ġdida ddedikata għall-provvista tal-enerġija fil-livell nazzjonali, u fil-prattika jintużaw approċċi prammatiċi. Pereżempju, fejn is-sistemi tal-enerġija mhumienx interoperabbli jew:
 - o il-ferroviji b'sistema unika tal-elettriku jkollhom jieqfu fil-fruntieri biex jibdlu l-lokomotivi, ħaġa li tinvolvi mill-inqas 15-il minuta ta' mmanuvrar u r-riskju ta' aktar dewmien kumulattiv konsegwenti;

ANNEX VII

- o jew isir investiment mill-impriżi ferrovjarji biex jattrezzaw il-lokomotivi tagħhom biex joperaw b'apparat li jmur lil hinn mis-sistemi tal-enerġija, jew;
- o jintużaw lokomotivi li jaħdmu bid-diżil, li għalkemm l-użu tagħhom għadu komuni, huma jitqiesu inqas effiċjenti u anki mhumiex mixtieqa minn perspettiva tal-enerġija na-difa.

IT-TUL TAL-FERROVIJI

3. It-tul tal-ferroviji permess fin-netwerks nazzjonali mhuwiex dejjem konsistenti, anki fl-istess kuritur trans-Ewropew. Dawn ir-restrizzjonijiet ħafna drabi jiġu imposti bħala riżultat ta' karatteristiċi tal-infrastruttura bħad-disponibbiltà tal-postijiet li jħallu spazju minn fejn tgħaddi ferrovija oħra, liwjiет dojq fil-linji jew il-preżenza ta' tlajja' weqfin (bħall-punti ta' qsim tal-Alpi). Pereżempju, il-ferroviji fi Franza jistgħu jkunu twal sa 600 metru, filwaqt li fi Spanja huma permessi ferroviji twal 450 metru biss (il-Proġett Prijoritarju 3). Għaldaqstant, irrispettivament mid-differenzi fil-gauge f'din il-fruntiera, jew il-ferroviji tal-merkanzija ta' 450 metru biss jiġihaddmu fuq in-naħa Franċiża jew, jekk ikun hemm ferroviji itwal li jkollhom jivvjaġġaw lejn Franza jew jitolqu minn hemm, jeħtieġ il-ħin biex il-ferroviji jinqasmu u jerġgħu jinbnew u b'hekk ikun hemm ir-riskju ta' dewmien addizzjonali fil-fruntiera.

KAXXA A

EŻEMPJI TAL-INTEROPERABILITÀ TAS-SISTEMI TA' PROVVISATA TAT-TRAZZJONI

Is-sistemi tal-enerġija tal-Ġermanja u l-Awstrija huma kompatibbli u dan ma jirrappreżentax problema tal-interoperabilità għal lokomotivi b'sistema unika, filwaqt li dawk Olandiżi u Ġermaniżi (il-Proġett Prijoritarju 5) mhumiex interoperabbli u lanqas mhuma dawk tal-Awstrija u l-Italja (il-Proġett Prijoritarju 1). Dan huwa sors ta' kumplikazzjonijiet f'postijiet transkonfinali bħal Brennersee.

SISTEMI (TAS-SINJALAR) TA' KONTROLL TAL-FERROVIJI

4. Attwalment hemm aktar minn 20 sistema (tas-sinjalar) ta' kontroll tal-ferroviji li jaħdmu indipendentement minn netwerk fl-Unjoni Ewropea li mhumex interoperabbli u dan jirrappreżenta ostaklu importanti għall-interoperabilità trans-Ewropea. L-ERTMS tfittex li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema ferrovjarja Ewropea konsistenti u koerenti billi s-sistemi nazzjonali differenti ta' kontroll tal-ferroviji jiġu sostitwiti fl-Ewropa. Hija tiffaċilita wkoll it-trasport ferrovjarju ta' veloċità għolja, tippermetti żieda fil-kapaċità fuq il-linji ferrovjarji u ttejjeb is-sikurezza. L-ERTMS għandha żewġ komponenti bażiċi: is-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji (ETCS) li hija sistema ta' protezzjoni awtomatika tal-ferroviji biex tissostitwixxi s-sistemi nazzjonali eżistenti; u l-GSM-R li hija sistema tar-radju li tipprova di komunikazzjoni vokali u tad-dejta bejn il-linja ferrovjarja u l-ferrovija. Għe miftiehem Pjan Ewropew għall-Mobilizzazzjoni fost l-Istati Membri² fir-rigward tal-ERTMS, madankollu, fuq il-bażi tal-limiti ta' żmien attwali, l-iskjerament tiegħu huwa mistenni li se jkun twil u ħafna drabi jkun marbut maż-żmien tat-tiġdid tas-sistemi ta' kontroll eżistenti tal-ferroviji. Matul din il-fażi ta' skjerament, f'ċirkostanzi fejn l-ERTMS ma tkunx qed topera f'kuritur sħiħ u xi sezzjonijiet għadhom jinqdew bis-sistema eżistenti biss, fil-lokomotivi se jkollhom jiġu installati kemm l-ERTMS u kif ukoll is-sistemi eżistenti u dan jimplika żieda fl-ispejjeż tal-installazzjoni u tal-manutenzjoni għall-operatur tal-ferrovija. Dan kieku jaffettwa t-trasport tal-merkanzija b'mod partikolari fejn il-lokomotivi s-soltu jintalbu biex joperaw fuq firxa usa' ta' rotot.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2006/679/KE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kmand-kontroll u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea ("il-Pjan Ewropew għall-Mobilizzazzjoni") [C(2009) 5607 finali]. ĠU L 284, 16.10.2006, p. 1.

DIFFERENZI FIR-REGOLI OPERAZZJONALI

5. Kull Stat Membru għandu s-sett stabbilit tiegħu ta' regoli operazzjonali għat-traffiku ferrovjarju fin-netwerks nazzjonali (simili għall-kodiċi tal-awtostradi għat-toroq). Dawn ir-regoli jiddettaw elementi ewlenin tat-tagħmir tal-ferroviji relatat mas-sikurezza u jistipula kif is-sewwieqa għandhom iġibu ruħhom fiċ-ċirkostanzi prevedibbli kollha tat-traffiku. F'xi każijiet, l-Istati Membri ġirien għandhom regoli operazzjonali fil-biċċa l-kbira simili u jaċċettaw il-prattiki operazzjonali tal-ġirien tagħhom sal-punt li l-ferroviji jistgħu jaħdmu fihom bla differenzi f'regoli li jitolbu li l-ferrovija tiegħi fil-fruntieri (pereżempju, il-Ġermanja u l-Awstrija). Madankollu, f'ħafna każijiet oħra, id-differenzi fir-regoli operazzjonali bejn in-netwerks ġirien ifissru li l-ferroviji ma jistgħux isuqu minn netwerk għal ieħor bla ma jieqfu fil-fruntiera jew biex isiru aġġustamenti fuq il-ferrovija (eżempji ta' dawn il-varjazzjonijiet jinkludu r-regoli dwar is-sinjali ta' wara, in-numru ta' sewwieqa, it-teffejja tan-nar eċċ) jew biex jinbidlu l-lokomotivi (ara l-**Kaxxa 13**). Filwaqt li dawn l-aġġustamenti fil-fruntieri fihom infushom ma jinvolvux dewmien sinifikanti, il-fatt li l-ferroviji jieqfu f'postijiet fil-fruntieri jikkawża kumplikazzjonijiet għall-ġestjoni tat-traffiku u jgħib ir-riskju ta' dewmien konsegwenti kumulattiv.

L-AĊĊETTAZZJONI REĊIPROKA TAL-VETTURI FERROVJARJI

6. Il-vetturi ferrovjarji għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli tekniċi biex jiġi żgurat li huma adegwati biex jużaw l-infrastruttura ferrovjarja (proċess imsejjaħ omologazzjoni). Dawn il-kontrolli jitwettqu fi Stat Membru wieħed fir-rigward tal-infrastruttura tiegħu stess (mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-ferroviji) u jirriżultaw f'ċertifikati li jinħarġu dwar il-vetturi ferrovjarji. Madankollu, biex lokomotiva jew vagun jivvjaġġa fuq in-netwerk ta' aktar minn Stat Membru wieħed, normalment dawn ikollhom jgħaddu mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni f'kull pajjiż. Dan jista' jkun proċess twil u kultant wieħed li jiswa ħafna flus. Għaldaqstant, fl-interessi tal-iffaċilitar tal-aċċess għan-netwerk ferrovjarju Ewropew ġeneralment ikun tajjeb li l-vetturi ferrovjarji li jkunu ġew approvati fi Stat Membru wieħed ikunu jistgħu jiġu approvati fin-netwerk ferrovjarju ta' Stat Membru ieħor. Dan mhux dejjem il-każ u ferroviji b'lokomotivi li ma jkunux ġew awtorizzati biex jintużaw fil-pajjiż ġar kieku jkollhom jieqfu fil-fruntieri biex ibiddlu l-lokomotivi (anki jekk mill-bqija ma kien hemm l-ebda restrizzjoni tal-interoperabilità jew restrizzjonijiet oħra). Qed jittieħdu miżuri fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex titjeb is-sitwazzjoni³.

³ Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità.

ANNEX VII

IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ FERROVJARJU

7. Huwa importanti li l-komunikazzjoni bejn l-ekwipaġġi ferrovjarji u ċ-ċentri ta' kontroll tal-ferroviji jkunu jistgħu jseħħu b'mod effettiv u li l-ekwipaġġi ferrovjarji jkunu jistgħu jsuqu skont ir-regoli operazzjonali. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet huwa relattivament ħafif għall-ferroviji li jivvjaġġaw biss fuq in-netwerk ferrovjarju ta' Stat Membru wieħed. Madankollu, għar-rotot trans-Ewropej, li minn fuqhom il-ferroviji jaqsmu l-fruntieri bejn in-netwerks nazzjonali, is-sitwazzjoni hija aktar ikkomplikata billi l-ekwipaġġi ferrovjarji jistgħu jkunu mitluba li jikkellmu lingwi differenti u li jkunu ċċertifikati biex isuqu skont ir-regoli operazzjonali ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Għaldaqstant, il-bdil tal-ekwipaġġi ferrovjarji huwa raġuni oħra għaliex il-ferroviji jieqfu fil-fruntieri. L-impriża ferrovjarji ta' sikwit iħejju servizzi trans-Ewropej prammaticament sabiex il-bdil tal-ekwipaġġ ferrovjarju jsir fl-istess ħin ma' azzjonijiet oħra li s-soltu jkunu meħtieġa fil-fruntieri, bħat-tibdil tal-lokomotivi, it-trasferiment tal-ferroviji lil impriża ferrovjarja differenti u fatturi oħra li jirriżultaw minn differenzi fir-regoli operazzjonali. Ġew ippjanati wkoll sabiex is-sewwieqa jkunu jistgħu jmorru lura d-dar fi żmien ġurnata waħda tax-xogħol. Madankollu, fejn is-servizzi trans-Ewropej jitolbu li l-fruntieri jinqasnu bla ma tieqaf il-ferrovija, pereżempju s-servizzi ta' veloċità għolja tal-passiġġieri, għandhom jinstabu soluzzjonijiet dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-ekwipaġġ ferrovjarju (ara l-**Kaxxa B**). Qed jittieħdu miżuri fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex titjieb is-sitwazzjoni⁴.

⁴ Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità. (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

KAXXA B

SOLUZZJONIJIET TRANSKONFINALI RIGWARD IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ FERROVJARJU

Fis-sezzjoni tal-linji ta' veloċità għolja **Pariġi-Londra** tal-Proġett Prijoritarju 2, sar ftehim dwar sett ta' vokabularju bejn l-awtoritajiet ferrovjarji Franċiżi u Brittaniċi sabiex is-sewwieqa tal-ferroviji li ngħataw taħriġ speċjali jkunu jistgħu jsuqu tul il-vjaġġ kollu.

Għas-sezzjoni **Mannheim u Metz** tal-Proġett Prijoritarju 4, li storikament kienet post transkonfinali kkomplikata, sar ftehim dwar programm iddedikat għat-taħriġ biex jipprovdi ċertifikazzjoni speċjali għall-ekwipaġġi Ġermaniżi u Franċiżi.

KONTROLLI TEKNIĊI U KUMMERĊJALI

8. Hemm żewġ raġunijiet ewlenin għaliex jitwettqu kontrolli tekniċi u kummerċjali. L-ewwel nett, għas-servizzi ta' distanza twila, uħud mis-sistemi nazzjonali jiffissaw l-intervalli massimi li dawn il-kontrolli għandhom isiru fi ħdanhom bl-għan li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ferrovija (pereżempju, massimu ta' 700 km huwa rilevanti fl-Italja). Madankollu, għe osservat każ fejn dawn il-kontrolli għew meħtieġa fi stazzjon fil-fruntieri matul vjaġġ li b'kollox kien iqsar mill-ammont massimu stipulat. It-tieni nett, għas-servizzi ferrovjarji li jinvolvu l-qsim tal-fruntieri (b'mod partikolari għall-merkanzija), impriżi ferrovjarji differenti li jaġixxu bħala msieħba kummerċjali s-soltu jieħdu r-responsabilità tal-ferrovija fuq in-netwerks nazzjonali differenti li jittrasferixxu l-ferrovija fl-istazzjonijiet fil-fruntieri. Tradizzjonalment, iż-żewġ impriżi ferrovjarji jwettqu l-kontrolli tekniċi u kummerċjali tagħhom stess, li essenzjalment jirrepetu darbtejn l-istess kontroll. Għe osservat każ fejn l-impriżi ferrovjarji minn Stati Membri differenti kienu qed jaħdmu biex jilħqu ftehim biex jaċċettaw il-kontrolli mwettqa minn xulxin. Dawn it-trasferimenti "ta' fiduċja" jistgħu jiffrankaw il-ħin fl-istazzjonijiet fil-fruntieri (ara l-**Kaxxa C**). Qed jittieħdu miżuri fil-livell tal-Unjoni Ewropea abbażi tad-Direttiva 2008/57/KE biex titjieb is-sitwazzjoni.

TRASFERIMENTI TA' FIDUĊJA FI BRATISLAVA VYCHOD

Għat-trasferiment tal-ferroviji fit-terminal fil-fruntieri, kemm l-impriżi ferrovjarji Awstrijaċi u kif ukoll dawk Slovakkijew wettqu kontrolli tekniċi u kummerċjali u kull wieħed kien jeħtieġ mill-inqas 30 minuta. Biex jittaffa dan id-dewmien li mhuwiex meħtieġ, qed jiġi żviluppjat arranġament reċiproku li bih il-kontrolli li jitwettqu minn impriża ferrovjarja jiġu aċċettati mill-oħra u b'hekk potenzjalment wieħed jista' jiffranka 30 minuta.

IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU FIL-ĦIN REALI

9. Il-ġestjoni tat-traffiku fil-ħin reali hija b'mod speċjali importanti għal dawk is-sezzjonijiet li għandhom tendenza li jkun fihom il-konġestjoni, bħall-punti ta' konġestjoni u l-postijiet transkonfinali fejn ħafna ferroviji trans-Ewropej ikollhom jieqfu (eżempji dwar il-Proġetti Prijoritarji eżaminati fil-verifika jinkludu l-fruntiera bejn l-Olanda u l-Ġermanja f'Emmerich u l-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Italja fi Brennersee (ara **Ritratt 7**)). Jista' jkun hemm konġestjoni f'dawn il-postijiet fejn il-ferroviji ma jaslux fil-ħin biex jieħdu s-"slot" allokati lilhom biex jidhru fin-netwerk ferrovjarju ġar u għalhekk ikollhom jistennu li jingħataw "slot" ġdid. L-għarfien dwar il-post fil-ħin reali fejn ikunu l-ferroviji u l-komunikazzjoni bejn l-amministraturi tat-traffiku tan-netwerks ġirien huma importanti għall-ġestjoni ta' dawn iċ-ċirkostanzi. L-għodod tal-komunikazzjoni m'għandhomx ikunu kkomplicati (pereżempju, ġie rrapportat li l-kuntatti bejn l-amministraturi Olandiżi u Ġermaniżi tat-traffiku f'Emmerich tjiebu bl-użu tat-telefon u tal-email). Filwaqt li l-interfaces effettivi bbażati fuq l-IT maħsuba biex jintegraw is-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tat-traffiku għad iridu joħorġu, qed jiġu żviluppati xi proġetti biex itejbu l-informazzjoni fil-ħin reali li jkollhom l-impriżi ferrovjarji għad-dispożizzjoni tagħhom dwar il-progress tal-ferroviji tagħhom (ara l-**Kaxxa D**).

IL-EUROPTRAILS

L-għodda tal-EUROPTRAILS (taħt ir-responsabilità tar-RailNetEurope mill-2007) għandha l-potenzjal li tagħmel possibbli s-supervizzjoni onlajn u fil-ħin reali tat-traffiku ferrovjarju Ewropew għall-ewwel darba, u b'hekk, turi fejn jistgħu jiġu żviluppati miżuri xierqa għat-titjib tal-kwalità. Hija tista' tipprowdi wkoll bażi biex tiġi evalwata l-prestazzjoni, pereżempju, billi l-ħin ippjanat jitqabbel mal-ħin reali tal-ivvjaġġar.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

II. I-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taqbel li d-definizzjoni tal-Proġetti ta' Priorità ma ġietx ibbażata fuq analiżi tal-flussi tat-traffiku attwali u antiċipati. Huwa importanti li wieħed josserva, madankollu, li filwaqt li twettqu dawn l-istudji, kemm għal proġetti individwali kif ukoll għan-netwerk, għad iridu jwasslu għal riżultati konklussivi u għalhekk ma setgħux jintużaw fl-istat attwali tagħhom.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-provvista ta' deskrizzjoni definittiva tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin x'aktarx tkun partikolarment diffiċli, minħabba li huma fi stat kostanti ta' fluss skont il-migrazzjoni, mudelli kummerċjali u l-kuntest ġeopolitiku. Il-Kummissjoni, madankollu, taqbel ukoll mal-opinjoni li d-definizzjoni tan-netwerk ewlieni għandha tiġi bbażata fuq kriterji oġġettivi. Għalhekk, fil-futur, Proġetti ta' Priorità għandhom jibqgħu jiġu bbażati fuq ftehim politiku bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iżda jiddependu aktar fuq l-aħjar evidenza disponibbli.

II. it-tieni inċiż

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib li jsegwi mill-konċentrazzjoni tal-kofinanzjament tat-TEN-T f'postijiet transkonfinali u l-ħidma tal-Koordinaturi. Taqbel li huwa meħtieġ aktar ħidma fuq id-definizzjoni ta' imblokk u se taħdem fuq dan.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' proġetti huma sodi, partikolarment wara r-rinnovament sostanzjali tagħhom għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dawn il-proċeduri ġew imsaħħa sostanzjalment permezz tal-integrazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni fil-programmazzjoni u l-miżuri speċifiċi sabiex titjieb it-tnejn tal-proġett, id-dokumentazzjoni u l-kwalità tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni.

II. it-tielet inċiż

Il-Kummissjoni tilqa' din il-valutazzjoni pożittiva ta' dak li wasslu l-proġetti ta' kofinanzjament tat-TEN-T u ta' Koeżjoni. Tenfasizza li, kif tiddikjara l-Qorti fil-paragrafu 47 tagħha, eskalazzjonijiet tal-ispiża m'għandhomx impatt fuq il-baġit tal-UE minħabba li l-kontribuzzjoni tal-UE tiġi ffissata fil-bidu tal-proġett.

II. ir-raba' inċiż

Il-Kummissjoni taqbel mal-analiżi tal-Qorti tat-titjib miżurabbli fuq linji ddedikati għal servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja. Qed taħdem sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni fuq linji konvenzjonali mħallta u tal-merkanzija.

III. I-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni diġà għandha kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ferrovjarji. Se tkompli taħdem magħhom mill-qrib. Barra minn hekk, bħala parti mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni kontinwa tal-parti interessata dwar il-linji gwida tat-TEN-T, il-Kummissjoni qed tfittex input dwar kif kurituri trans-Ewropej li għalihom hemm domanda sinifikanti attwali jew antiċipata jistgħu jitwasslu bl-aħjar mod.

III. it-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taqbel li l-Koordinaturi għandhom rwol vitali u ħatret tlieta ġodda fit-8 ta' Ġunju 2010, b'hekk wasslet in-numru tagħhom għal disgħa.

Il-Kummissjoni taqbel li aktar ħidma fuq id-definizzjoni ta' imblokk hija meħtieġa u se tkompli taħdem fuq dan. Il-koordinaturi Ewropej analizzaw l-imblokki fuq il-Proġetti ta' Priorità li għalihom huma responsabbli. Il-Kummissjoni rrapportat ukoll dwar l-imblokki fir-rapporti annwali tagħha.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

III. it-tielet inċiż

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' proġetti taħt il-Politika tal-Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huma sodi. Il-Kummissjoni tkompli taħdem fuq it-titjib tagħhom u qed tinvesti riżorsi sinifikanti sabiex tikkontribwixxi għat-titjib fit-tnejn tal-proġetti.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonossiment tal-Qorti tat-titjib li sar lill-proċeduri tal-għażla tat-TEN-T; madankollu, taċċetta li hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu ta' analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji. L-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T qed taħdem sabiex dan jiġi żviluppakt aktar; madankollu, meta jitqies li l-finanzjament tat-TEN-T jikkofinanzja biss ammont limitat ta' kull proġett meta mqabbel ma' dak iffinanzjat mill-Istati Membri, huwa loġiku li r-responsabbiltà tal-valutazzjoni tal-spejjeż u l-benefiċċji għandha taqa' fuqhom, partikolarment minħabba li kważi d-dejta u s-suppożizzjonijiet kollha joriġinaw minnhom.

III. ir-raba' inċiż

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-iskambji ta' informazzjoni fost promoturi tal-proġetti. L-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T se tiffaċilita dan billi torganizza diskussjonijiet fil-*workshops* regolari tagħha ma' benefiċjarji attwali u potenzjali fuq l-aħjar prattiċi u skambju tal-għarfien bejn il-promoturi kollha tal-proġetti, partikolarment fis-settur ferrovjarju.

III. il-ħames inċiż

Bl-adozzjoni ta' Speċifikazzjonijiet Tekniċi għal Interoperabbiltà l-Kummissjoni ħadmet, u se tkompli taħdem, fuq dawn ir-"restrizzjonijiet prattiċi". Il-Koordinaturi Ewropej se jiddedikaw ukoll sforzi partikolari għal dawn il-kwistjonijiet.

11. nota f'qiegħ il-paġna 6

Meta tippreżenta figuri relatati ma' investimenti fid-dokumenti tagħha l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri. Billi rrikonossiet li l-kwalità tad-dejta finanzjarja tibbenefika minn titjib, il-Kummissjoni investiet sforzi sinifikanti li r-riżultat tagħhom kien li l-informazzjoni fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2010 kienet sinifikament aħjar milli fir-rapporti preċedenti.

14.

Il-Kummissjoni tissottolinea li, qabel l-2007, proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni ġew adottati fuq bażi ta' proġett proġett u f'konformità mal-krediti ta' baġit disponibbli. Il-bażi legali għall-Proġetti ta' Priorità applikat biss wara l-2004.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

OSSERVAZZJONIJIET

22.

Il-Kummissjoni tifhem li l-Qorti tfisser billi tiddikjara li "l-Proġetti ta' Priorità ma jirrappreżentawx deskrizzjonijiet definittivi tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin" li jeħtieġ li jkun hemm ftehim ġenerali dwar x'inhuma l-assi ewlenin, u li dan il-ftehim għandu jibqa' stabbli kemm jista' jkun matul iż-żmien.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li x'aktarx ikun partikolarment diffiċli li tiġi provduta deskrizzjoni definittiva tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin, minħabba li huma fi stat kostanti ta' fluss bħala funzjoni ta' migrazzjoni, mudelli kummerċjali u l-kuntest ġeopolitiku. Il-Kummissjoni, madankollu, taqbel ukoll mal-opinjoni li d-definizzjoni tan-netwerk ewlieni għandha tiġi bbażata fuq kriterji oġġettivi. Għalhekk, fil-futur, Proġetti ta' Priorità għandhom jibqgħu jiġu bbażati fuq ftehim politiku bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, imma jiddependu aktar fuq l-aġjar evidenza disponibbli.

22. it-tielet inċiż

Fil-waqt li l-Kummissjoni tagħraf li konnessjonijiet ma' xi portijiet tal-baħar importanti mhumex inklużi fil-Proġetti ta' Priorità, tissottolinea li ħafna minnhom huma. Fl-4 ta' Mejju 2010, bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni tat-TEN-T tagħha, ressqet dokument ta' ħidma li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' netwerk TEN-T fil-futur. Dan għandu jevita repetizzjoni fil-futur tas-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti.

Kaxxa 4

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kurrituri tal-ERTMS ma jikkoinċidux 100 % ma' Proġetti ta' Priorità. ERTMS għandha rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti kemm għall-infrastruttura kif ukoll għall-vetturi ferrovjarji. Il-proċess ta' reviżjoni tat-TEN-T huwa ddisinjat sabiex jitratta dan, u possibbiltà waħda li qed tiġi kkunsidrata hija li l-kurrituri tal-ERTMS jiġu inklużi direttament fil-Proġetti ta' Priorità.

Il-Kummissjoni tifhem li l-awtoritajiet Pollakki se jissottomettu applikazzjoni għall-finanzjament għall-parti tal-assi Pollakka mit-Tramuntana għan-Nofsinhar minn Varsavja sa Gdynia tard fl-2010, u din se tinkludi ERTMS u se jkollha spiża totali indikattiva ta' 386 miljun euro.

23.

Il-Kummissjoni taqbel li hemm ambitu għat-titjib tad-definizzjoni ta' Proġetti ta' Priorità. Din hija xi ħaġa li qed tiġi indirizzata permezz tal-proċess ta' reviżjoni tat-TEN-T.

24.

Il-Kummissjoni taqbel li d-definizzjoni tal-Proġetti ta' Priorità ma ġietx ibbażata fuq analiżi tal-flussi tat-traffiku attwali u antiċipati. Huwa importanti li wieħed josserva, madankollu, li filwaqt li jkun twettqu dawn l-istudji kemm għal proġetti individwali kif ukoll għan-netwerk, għad iridu jwasslu għal riżultati konklussivi u għalhekk ma setgħux jintużaw fl-istat attwali tagħhom.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Kif iddikjarat il-Qorti, il-Kummissjoni tagħraf il-ħtieġa li tiġi riveduta l-politika TEN-T. Din ir-reviżjoni qed titwettaq bħalissa u tinkludi eżami tal-metodoloġija għad-definizzjoni tan-netwerk TEN-T tal-futur.

29.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li finanzjament tal-UE kellu influwenza sinifikanti fuq is-sezzjonijiet kollha tat-TEN-T riveduti mill-Qorti għal din il-verifika. Dan inkluda t-titjib tal-proġetti ppjanati oriġinarjament jew it-tnaqqis tar-riskju tagħhom.

30.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li, f'pajjiżi koperti mill-Fond ta' Koeżjoni, ħafna proġetti ferrovjarji sempliċement ma jseħħux mingħajr il-kofinanzjament sostanzjali tal-UE mill-Fond ta' Koeżjoni jew l-FEŻR inkluż sezzjonijiet transkonfinali, biex b'hekk titjib l-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni għall-utenti kollha. Ir-rekwiżit huwa li tingħata prijetà lil proġetti teknikament u ekonomikament maturi li huma fattibbli fil-perjodu ta' programmazzjoni; inkella l-Fondi għall-benefiċjarji jistgħu jintilfu.

Id-definizzjoni ta' proġetti kbar fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 ġiet emendata sabiex tkun aktar faċli għall-Istati Membri li jissottomettu proġetti transkonfinali kbar.

33.

Il-Kummissjoni taqbel li hija meħtieġa aktar ħidma fuq id-definizzjoni ta' imblokk u se tkompli taħdem fuq dan. Il-koordinaturi Ewropej analizzaw l-imblokki fuq il-Proġetti ta' Prijetà li għalihom huma responsabbli. Il-Kummissjoni rrapportat ukoll dwar l-imblokki fir-rapporti annwali tagħha.

34.

Il-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 tejbet il-proċeduri ta' approvazzjoni tagħha għal proġetti kbar kofinanzjati mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni. Proġetti kbar kofinanzjati taħt il-Fond ta' Koeżjoni fil-perjodu 2000-2006 ħafna drabi ġew approvati sezzjoni sezzjoni għal raġunijiet ta' baġit. F'dan is-sens il-kwalità tat-tnejn ta' sezzjonijiet individwali tista' ma tirriflettix il-kwalità tat-tnejn u l-iżvilupp tal-assi ġenerali.

35.

Konsultazzjoni interna tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ("konsultazzjoni fost is-servizzi") saret u għadha element kruċjali fil-proċess ta' evalwazzjoni u approvazzjoni.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 il-Kummissjoni stabbiliet JASPERS, li jipprovdi għajnuna teknika lill-Istati Membri ġodda sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib fil-kwalità ta' proġetti fi stadju bikri. Għandha wkoll kuntratt ma' esperti barranin għal parir tekniku fl-evalwazzjoni ta' proġetti kbar.

Taħt ġestjoni diviża, il-promotur tal-proġett huwa responsabbli għad-definizzjoni adegwata tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' proġetti. L-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi (ara anness I) tagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għat-titjib tal-kwalità teknika ta' infrastruttura ferrovjarja. Il-proġett ta' Madrid-Levante ġie approvat fi stadji, sezzjoni sezzjoni, għal raġunijiet ta' baġit, u mhux fit-totalità tiegħu, minħabba li n-netwerk jinvolveja total ta' 940 km ta' linji tal-ferrovija b'veloċità għolja. Il-BEL ġie kkonsultat u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ġew aċċettati progressivament f'dan il-proġett. Il-BEL ikkunsidra l-finanzjament ta' dan il-proġett bħala ġustifikat u qed jipprovdi self sostanzjali għalih, flimkien mal-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-implikazzjoni li eskalazzjonijiet sussegwenti tal-ispiża kienu kollha marbuta mat-tħassib tal-BEL. Tikkunsidra li, kif spjegat fir-risposta għal 46, fatturi oħra kienu responsabbli.

37. I-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li esperti esterni huma fil-qalba tal-proċess tal-għażla tal-proġett TEN-T. Hemm ukoll osservatur estern li jipprovdi reazzjonijiet komprensivi lill-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T dwar il-proċess sħiħ ta' valutazzjoni esterna.

38.

Filwaqt li l-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti għat-titjib li jkun sar lill-proċeduri tal-għażla, taċċetta li hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu tal-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji. Fil-futur, l-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T se tiżviluppa approċċ aktar sistematiku għall-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni x-xogħol li diġà sar. Sabiex tagħmel dan se taħdem mal-proġetti magħżula f'priorità 3 tas-sejħa annwali tal-2010 sabiex ittejjeb it-tnejn tal-proġett, inkluż billi jiġu żviluppati approċċi konsistenti għall-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

Madankollu, meta jitqies li finanzjament tat-TEN-T jikkofinanzja biss ammont limitat ta' kull proġett meta mqabbel ma' dak iffinanzjat mill-Istati Membri, huwa loġiku li r-responsabbiltà tal-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji għandha taqa' fuqhom, partikolarment minħabba li kważi d-dejta u s-suppożizzjonijiet kollha joriġinaw minnhom.

Safejn huwa kkonċernat il-mudell korenti tal-flussi tat-traffiku ferrovjarji Ewropej, il-Kummissjoni għad għandha d-dubbji tagħha li l-intuwizzjonijiet addizzjonali li jipprovdi jiġġustifikawx il-livell potenzjalment sinifikanti ta' riżorsi meħtieġa sabiex jiġi rrealizzat.

44.

Ġie adottat Memorandum ta' Ftehim fit-8 ta' Ġunju 2010, li jistabbilixxi l-passi sabiex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni. It-tliet Stati Membri kkonċernati mill-PP3 (Franza, Spanja u l-Portugall) iffirmawh.

45.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li eskalazzjonijiet tal-ispiża huma tipiċi għal proġetti kbar ta' infrastruttura.

46.

Il-Kummissjoni taqbel dwar il-benefiċċji ta' tnejn bir-reqqa u dettaljata tal-proġett; madankollu, kif tiddikjara l-Qorti fil-paragrafu preċedenti, eskalazzjonijiet tal-ispiża fil-każijiet studjati nħolqu ġeneralment għal raġunijiet marbuta ma' fatturi imprevedibbli.

Fir-rigward tas-sezzjoni Madrid-Levante (iżda anke proġetti oħra ugwalmment kumplessi), iż-żidiet fl-ispiża msemija mill-Qorti jistgħu jkunu minħabba f'varjetà ta' fatturi, xi wħud minnhom imprevedibbli. Pereżempju, inflazzjoni għolja fi proġetti ta' kostruzzjoni fi Spanja u żieda impreveduta fi spejjeż minħabba kondizzjonijiet ġeoloġiċi diffiċli kellhom effett sinifikanti fuq il-proġett Madrid-Levante ċitat mill-Qorti.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

47-48.

Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Qorti li l-eskalazzjonijiet tal-ispiża ma kellhomx impatt dirett fuq il-baġit tal-UE u tosserva li l-Qorti ma ddokumentatx kwalunkwe impatt indirett ieħor.

Il-Kummissjoni tixtieq tissottolinea li, skont il-mudell ġdid ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament għal fondi TEN-T għall-perjodu 2007-2013, il-benefiċjarji u l-promoturi tal-proġetti jridu jissottomettu Pjan ta' Azzjoni Strateġiku (SAP) li jagħti d-dettalji dwar kif il-proġett se jiġi implimentat, inkluż f'termini ta' ppjanar tal-proġett, il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju u governanza tal-proġett. L-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T diġà żviluppat linji gwida dwar din il-kwistjoni u qed taħdem dwar l-iskambju ta' prattiċi tajba bejn benefiċjarji.

Kaxxa 8

Il-proġett Varsavja-Gdynia, stadju II iffaċċja ħafna problemi li huma indipendenti mill-proċeduri ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, bħal dewmien sinifikanti fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, problemi bix-xiri tal-art u l-iżgurar ta' aċċess għal siti tal-bini, kif ukoll tilwim mal-kuntratturi. Il-Kummissjoni ripetutament qajmet il-kwistjoni ta' spejjeż żejda fil-proġett Varsavja-Gdynia stadju II, u l-awtoritajiet Pollakki ħabbru li se jissottomettu proposta modifikata għaliha. Il-Kummissjoni għamlitha ċara li mhijiex se tipproċessa din il-modifika mingħajr is-sottomissjoni mill-awtoritajiet Pollakki ta' analiżi orizzontali dwar spejjeż żejda fis-settur ferrovjarju u kif jiġu ttrattati.

54.

Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li l-progress ġenerali fuq trasport ferrovjarju trans-Ewropew jiddependi fuq il-kisba ta' sinerġiji bejn l-effetti ta' miżuri leġislattivi li jaffettwaw is-swieq u miżuri ta' politika ta' interoperabbiltà u kofinanzjament.

Kaxxa 11

Il-Kummissjoni qed tissorvelja mill-qrib din is-sitwazzjoni fil-qafas ta' Kuritur A tal-ERTMS. Adottat Pjan ta' Żvilupp Ewropew għal ERTMS, kif ikoll proposta għal regolament għal Kurituri tal-Merkanzija bil-Ferrovija, li ġie adottat fil-15 ta' Ġunju 2010 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħatret Koordinaturi TEN-T.

Kaxxa 12

Il-Kummissjoni hija konxja li l-ebda ferrovija tal-merkanzija attwalment ma tuża l-linji b'veloċità u kapaċità għolja ta' Ruma-Napli u Bolonja-Firenze. Madankollu, bis-saħħa tal-introduzzjoni ta' dawn il-linji b'veloċità u kapaċità għolja, kien hemm aktar kapaċità għal trasport tal-merkanzija fuq il-linji konvenzjonali eżistenti. Fi kwalunkwe każ, il-maġġoranza tal-benefiċċji mistennija mis-sezzjonijiet iffinanzjati tal-FEŻR jirrelataw mal-aċċess imtejjeb għall-passiġġieri għan-netwerk ferrovjarju u mhux għat-trasport tal-merkanzija.

57.

Il-Kummissjoni tagħraf li progress lejn interoperabbiltà qed iseħħ bil-mod. Armonizzazzjoni radikali mhijiex possibbli, meta jitqies li l-infrastruttura ferrovjarja u l-vetturi ferrovjarji għandhom ħajja twila ta' użu u l-ispejjeż ta' investiment tas-settur jeħtieġ li jibqgħu realistiċi.

Madankollu, l-ammont ta' infrastruttura u vetturi ferrovjarji interoperabbli qed jiżdied u n-numru ta' derogi mitluba mill-Istati Membri mill-leġislażzjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Speċifikazzjonijiet Tekniċi għal Interoperabbiltà (TSI) huwa limitat. Dan juri li t-TSIs eżistenti qed jiġu implimentati b'suċċess. Safejn jikkonċerna n-netwerk TEN-T, it-TSIs huma mistennija li jitlestew fl-2010. Dan għandu jibbenefika kemm proġetti tat-TEN-T kif ukoll dawk iffinanzjati mill-politika ta' Koeżjoni.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha billi tikkonċentra fuq l-implimentazzjoni ta' TSIs li se jwasslu benefiċċji sinifikanti f'perjodu ta' żmien qasir u medju, bħal applikazzjonijiet telematiċi fis-sinjali, trasport tal-merkanzija u passiġġieri. Stabbiliet ukoll organizzazzjonijiet ta' kurituri sabiex tidentifika u tittratta l-kwistjonijiet kollha li jfixxlu l-kompetittività ta' merkanzija bil-ferrovija matul l-assi.

Safejn huma kkonċernati l-miżuri f'paragrafu 8 ta' Anness VII, il-Kummissjoni tikunsidra li qed jittieħdu passi fuq livell Ewropew sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni:

- 1) fil-qafas tad-Direttiva 2008/57, bħalissa għaddejjin attivitajiet sabiex jiġu kklassifikati r-regoli nazzjonali kollha rigward traffiku ferrovjarju, jiġu vvalutati liema huma ekwivalenti u b'hekk jiġu evitati kontrolli doppji, partikolarment fil-fruntieri.
- 2) fil-qafas tal-kurituri tal-ERTMS, gruppi ta' ħidma qed jidentifikaw l-ostakli eżistenti kollha - partikolarment dewmien fil-fruntieri - billi jħarsu lejn l-ostakli speċifiċi għal kull fruntiera.

60.

Il-koordinaturi Ewropej għamlu sforzi sabiex itaffu restrizzjonijiet tas-sistema fuq kurituri, li se jiġu estiżi bħala riżultat tar-regolament propost fuq merkanzija bil-ferrovija.

Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Novembru 2008 għal regolament li joħloq struttura għal kull kuritur ta' merkanzija bil-ferrovija huwa sinifikanti wkoll f'dan ir-rigward. Se tiżviluppa kooperazzjoni msaħħa bejn Maniġers tal-Infrastruttura fuq ġestjoni tat-traffiku (miżuri operattivi) u investment (prinċipalment sabiex jitneħħew imblokki u jiġu armonizzati kondizzjonijiet tekniċi). Hija bbażata wkoll fuq l-esperjenza mal-kurituri Rotterdam-Ġenova u Antwerp-Lyon/Basle.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMAN- DAZZJONIJIET

62.

Il-Kummissjoni tilqa' l-ħidma tal-Qorti, li hija speċjalment f'waqtha meta titqies ir-reviżjoni li se ssir tan-netwerks TEN-T.

63.

Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li Proġetti ta' Prijorità huma l-mekkaniżmu ewlieni għall-koordinazzjoni u l-konċentrazzjoni ta' riżorsi finanzjarji fuq netwerks TEN-T u tkompli ssegwi din it-triq, filwaqt li tiżgura kumplimentarjetà ma' għanijiet ta' żvilupp reġjonali u politika ta' koeżjoni. Fid-dawl ta' dan, tifhem għaliex il-Qorti tixtieq li Proġetti ta' Prijorità għandhom jiġu definiti abbażi ta' analiżi ta' flussi tat-traffiku attwali u mistennija. Huwa importanti li wieħed josserva, madankollu, li filwaqt li jkunu twettqu dawn l-istudji, kemm għal proġetti individwali kif ukoll għan-netwerk, għad iridu jwasslu għal riżultati konklussivi u għalhekk ma jistgħux jintużaw bħalissa fl-istat attwali tagħhom.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-wasla għal deskrizzjoni definittiva tal-assi ferrovjarji trans-Ewropej ewlenin x'aktarx tkun partikolarment diffiċli, minħabba li huma fi stat kostanti ta' fluss skont il-migrazzjoni, il-mudelli kummerċjali u l-kuntest ġeopolitiku. Il-Kummissjoni, madankollu, taqbel ukoll mal-opinjoni li d-definizzjoni tan-netwerk ewlieni għandha tiġi bbażata fuq kriterji oġġettivi. Għalhekk, fil-futur, Proġetti ta' Prijorità għandhom jibqgħu jiġu bbażati fuq ftehim politiku bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, imma jiddependu aktar fuq l-aħjar evidenza disponibbli.

Rakkomandazzjoni 1. l-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni diġà għandha kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ferrovjarji. Se tkompli taħdem magħhom mill-qrib fuq materji ta' traffiku ferrovjarju.

Rakkomandazzjoni 1. it-tieni inċiż

Bħala parti mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni kontinwa tagħha tal-parti interessata dwar il-linji gwida tat-TEN-T, il-Kummissjoni qed tfittex *input* dwar kif dan jista' jsir bl-aħjar mod.

64.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib li jsegwi mill-konċentrazzjoni tal-kofinanzjament tat-TEN-T f'postijiet transkonfinali u l-ħidma tal-Koordinaturi. Taqbel li aktar ħidma hi meħtieġa fuq id-definizzjoni ta' imblokk u se taħdem fuq dan.

Il-Kummissjoni tosserva li proċeduri ta' approvazzjoni tal-proġett tal-Fond ta' Koeżjoni inbidlu sostanzjalment mill-2007.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib li sar lill-proċeduri tal-għażla tat-TEN-T; madankollu, taċċetta li hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu ta' analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Rakkomandazzjoni 2. l-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taqbel li aktar xogħol huwa meħtieġ fuq id-definizzjoni ta' imblokki u se tkompli taħdem fuq dan. Il-Koordinaturi Ewropej analizzaw l-imblokki fuq il-Proġetti ta' Prijorità li għalihom huma responsabbli. Il-Kummissjoni rrapportat ukoll dwar l-imblokki fir-rapporti annwali tagħha.

Rakkomandazzjoni 2. it-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taqbel li l-Koordinaturi għandhom rwol vitali u ħatret tliet Koordinaturi addizzjonali fit-8 ta' Ġunju 2010.

Rakkomandazzjoni 2. it-tielet inċiż

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' proġetti huma sodi, partikolarment wara r-rinnovament sostanzjali tagħhom għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Il-Kummissjoni tkompli taħdem fuq it-titjib tagħhom u qed tinvesti riżorsi sinifikanti sabiex tikkontribwixxi għat-titjib fit-tnejn u l-evalwazzjoni tal-proġetti. Safejn huma kkonċernati l-karatteristiċi tekniċi ta' proġetti, ir-reviżjoni tagħhom se titjeb ħafna permezz tal-iżvilupp kontinwu ta' TSIs.

Rakkomandazzjoni 2. ir-raba' inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta li hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu ta' analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji. Fil-futur, l-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T se tiżviluppa approċċ aktar sistematiku għall-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji. Sabiex tagħmel dan se taħdem mal-proġetti magħżula f'prijorità 3 tas-sejħa annwali tal-2010 sabiex ittejjeb it-tnejn tal-proġett, inkluż billi jiġu żviluppati approċċi konsistenti għall-analiżi tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

Madankollu, meta jitqies li l-finanzjament tat-TEN-T jikkofinanzja biss ammont limitat ta' kull proġett meta mqabbel ma' dak iffinanzjat mill-Istati Membri, huwa loġiku li r-responsabbiltà tal-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji għandha taqa' fuqhom, partikolarment minħabba li kważi d-dejta u s-suppożizzjonijiet kollha għalhekk joriġinaw minnhom.

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-iskambji ta' informazzjoni fost promoturi tal-proġetti. L-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T se tiffaċilita dan billi torganizza diskussjonijiet fil-workshops regolari tagħha ma' benefiċjarji attwali u potenzjali fuq l-aħjar prattiċi u skambju tal-għarfien bejn il-promoturi kollha tal-proġetti, partikolarment fis-settur ferrovjarju.

66.

Il-Kummissjoni taqbel mal-analiżi tal-Qorti tat-titjib miżurabbli fuq linji ddedikati għal servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja. Qed taħdem sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni fuq linji konvenzjonali mħallta u tal-merkanzija.

Rakkomandazzjoni 4. l-ewwel inċiż

Permezz tal-adozzjoni ta' Speċifikazzjonijiet Tekniċi għal Interoperabbiltà l-Kummissjoni ħadmet fuq dawn ir-"restrizzjonijiet prattiċi" u se tkompli tagħmel dan. Il-Koordinaturi Ewropej se jiddedikaw ukoll sforzi speċjali għal dawn il-kwistjonijiet.

Rakkomandazzjoni 4. it-tieni inċiż

F'Novembru 2008, il-Kummissjoni pponiet regolament li joħloq struttura għal kull kuritur ta' merkanzija bil-ferrovija li se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn Maniġers tal-Infrastruttura (sorveljati minn Stati Membri), għal ġestjoni tat-traffiku (miżuri operattivi) u għal investiment (prinċipalment sabiex jitneħħew imblokki u jiġu armonizzati kondizzjonijiet tekniċi). Hija bbażata wkoll fuq l-esperjenza mal-kuritur Rotterdam-Ġenova u Antwerp-Lyon/Basle.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2010

**It-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport fuq l-assi ferrovjarji trans-Ewropej:
L-investiment tal-UE fl-infrastruttura ferrovjarja kien effettiv?**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2010 — 71 pp. — 21 × 29,7 ċm

ISBN 978-92-9207-825-6

doi:10.2865/2087

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

IL-VOLUMI TAT-TRASPORT FL-EWROPA HUMA MISTENNIJA JKOMPLU JIKBRU, IŻDA L-FERROVIJI TAL-EWROPA QEGĦDIN JIFFAĊĊJAW SFIDI IMPORTANTI. L-INFRASTRUTTURA TAL-FERROVIJI TRANS-EWROPEA TEĦTIEĠ ŻVILUPP ESTENSIV, U L-UNJONI EWROPEA GĦAMLET INVESTIMENTI SINIFIKANTI PERMEZZ TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI U L-POLITIKA TAN-NETWERK TRANS-EWROPEW TAGĦHA. IL-QORTI EŻAMINAT JEKK DAWN L-INVESTIMENTI FL-INFRASTRUTTURA KINUX EFFETTIVI.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9207-825-6



9 789292 078256